C/2026/4813

8.9.2026

AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI

Aġġornament tal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent

(C/2026/4813)

WERREJ

Paġna

1. INTRODUZZJONI 4
2. TERMINI U DEFINIZZJONIJIET ĠENERALI 5
   - 2.1. Definizzjoni ta' plastik (l-Artikolu 3, il-punt (1)) 5
     - 2.1.1. Polimeru 6
     - 2.1.2. Jista' jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali 6
     - 2.1.3. Polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament 6
   - 2.2. Prodott tal-Plastik li Jintuża Darba Biss (l-Artikolu 3, il-punt (2)) 8
     - 2.2.1. Kontenut ta' plastik: magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik 8
     - 2.2.2. Jintuża darba biss 9
     - 2.2.3. In-natura ta' mili u użu mill-ġdid tal-prodott 9
3. RELAZZJONI BEJN ID-DIRETTIVA (UE) 2019/904 U D-DIRETTIVA 94/62/KE 10
4. KRITERJI SPEĊIFIĊI TAL-PRODOTT 11
   - 4.1. Kontenituri tal-ikel 11
     - 4.1.1. Deskrizzjoni tal-prodott u kriterji fid-Direttiva 11
     - 4.1.2. Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi 13
   - 4.2. Pakketti u tgeżwir 16
     - 4.2.1. Deskrizzjoni tal-prodott u kriterji fid-Direttiva 16
     - 4.2.2. Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi 17
   - 4.3. Pożati, platti, straws u ħawwada 18
     - 4.3.1. Deskrizzjonijiet tal-prodott fid-Direttiva 18
     - 4.3.2. Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi 19
   - 4.4. Kontenituri tax-xorb, fliexken tax-xorb u tazez għax-xorb (inkluż it-tappijiet, l-għatiet u l-għotjien tagħhom) 21
     - 4.4.1. Deskrizzjonijiet tal-prodott u kriterji fid-Direttiva 21
     - 4.4.2. Tappijiet, għotjien u għatiet 22
     - 4.4.3. Eżenzjonijiet speċifiċi għall-prodott 24
     - 4.4.4. Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi 24
   - 4.5 Differenzjazzjoni bejn ċerti kategoriji ta' prodotti (relatati) 27
     - 4.5.1. Elementi ewlenin biex issir distinzjoni bejn il-kontenituri tal-ikel u l-kontenituri tax-xorb 27
     - 4.5.2. Elementi ewlenin biex il-kontenituri tal-ikel jintgħarfu mit-tazez għax-xorb 28
     - 4.5.3. Elementi ewlenin biex issir distinzjoni bejn il-kontenituri tax-xorb, il-fliexken tax-xorb u t-tazez għax-xorb 29
     - 4.5.4. Elementi ewlenin biex issir distinzjoni bejn il-kontenituri tal-ikel u l-pakketti u t-tgeżwir 29
     - 4.5.5. Elementi ewlenin biex il-platti jintgħarfu mill-kontenituri tal-ikel 30

4.6. Basktijiet tal-plastik ħfief 31
4.6.1. Deskrizzjoni tal-prodott u kriterji fid-Direttiva 31
4.6.2. Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi 31
4.7. Stikek tal-cotton buds 32
4.7.1. Deskrizzjoni tal-prodott u kriterji fid-Direttiva 32
4.7.2. Eżenzjonijiet speċifiċi għall-prodott 33
4.7.3. Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi 33
4.8. Bżieżaq u stikek tal-bżieżaq 34
4.8.1. Deskrizzjoni tal-prodott u kriterji fid-Direttiva 34
4.8.2. Eżenzjonijiet speċifiċi għall-prodott 35
4.8.3. Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi 35
4.9. Assorbenti sanitarji (pads), tampuni, u applikaturi tat-tampuni 36
4.9.1. Deskrizzjoni tal-prodott u kriterji fid-Direttiva 36
4.9.2. Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi 37
4.10. Wet wipes 38
4.10.1. Deskrizzjoni tal-prodott, kriterji u eżenzjonijiet fid-Direttiva 38
4.10.2. Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi 39
4.11. Prodotti tat-tabakk bil-filtri, filtri kkummerċjalizzati għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk 41
4.11.1. Deskrizzjoni tal-prodott u kriterji fid-Direttiva 41
4.11.2. Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi 41
ANNESS – Ħarsa ġenerali lejn il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, id-deskrizzjonijiet tagħhom u r-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fid-Direttiva 43

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhumiex koperti mid-drittijiet tal-awtur tal-UE, irid jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Id-dokument huwa taħt © L-Unjoni Ewropea, 2021.

Illustrazzjonijiet: © Gettyimages.

1. **INTRODUZZJONI**

Dan id-dokument jipprovdi gwida dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/904 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent ([1]) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Direttiva" jew "id-Direttiva dwar il-Plastik li jintuża darba biss").

Huwa aġġornament tal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent ([2]). L-uniċi bidliet meta mqabbla mal-verżjoni preċedenti saru fit-Tabella 4-6 fit-taqsima 4.4.2., li turi eżempji illustrattivi ta' tipi differenti ta' tappijiet, għotjien u għatiet ta' kontenituri tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss u tazez tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss. B'mod partikolari, żdied l-eżempju ta' tapp tal-plastik użat flimkien ma' għatu tal-fojl tal-aluminju, li jintuża eż. għal fliexken magħmula mill-polietilen ta'densità għolja li jkun fihom ħalib ipproċessat f'temperatura ultragħolja.

Din id-Direttiva tapplika għall-prodotti tal-plastik kollha li jintużaw darba biss elenkati fl-Anness tagħha, kif ukoll għall-prodotti kollha magħmula minn plastik ossodegradabbli, u għall-irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik. L-Artikolu 12 tagħha jqabbad lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida, inkluż eżempji ta' dak li għandu jitqies bħala prodott tal-plastik li jintuża darba biss għall-finijiet tad-Direttiva. L-enfasi ta' dawn il-linji gwida hija fuq il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss inklużi fl-Anness, elenkati hawn taħt.

— Bżieżaq;

— Stikek tal-bżieżaq;

— Kontenituri tax-xorb b'kapaċità sa 3 litri, inkluż it-tappijiet u l-għotjien tagħhom;

  — Kontenituri tax-xorb magħmula minn polistiren espandut, inkluż it-tappijiet u l-għotjien tagħhom;

  — Fliexken tax-xorb b'kapaċità sa 3 litri, inkluż it-tappijiet u l-għotjien tagħhom;

— Ħawwada tax-xorb;

— Stikek tal-cotton buds;

— Tazez għax-xorb;

  — Tazez għax-xorb magħmula minn polistiren espandut, inkluż l-għatiet u l-għotjien tagħhom;

  — Tazez għax-xorb, inkluż l-għatiet u l-għotjien tagħhom;

— Pożati (frieket, skieken, mgħaref, chopsticks);

— Kontenituri tal-ikel;

  — Kontenituri tal-ikel magħmula minn polistiren espandut;

— Basktijiet tal-plastik ħfief;

— Pakketti u tgeżwir;

— Platti;

— Assorbenti sanitarji (pads), tampuni u applikaturi tat-tampuni;

— Straws;

— Prodotti tat-tabakk bil-filtri u filtri kkummerċjalizzati għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk;

— Wet wipes.

([1]) ĠU L 155, 12.6.2019, p. 1.
([2]) ĠU C 216, 7.6.2021, p. 1.

Il-Linji Gwida ma jkoprux fid-dettall l-irkaptu tas-sajd u l-prodotti magħmula minn plastik ossodegradabbli. Fir-rigward ta' dawn tal-aħħar, l-Artikolu 5 tad-Direttiva jipprojbixxi l-prodotti tal-plastik ossodegradabbli kollha, kemm jekk jintużaw darba biss kif ukoll jekk le, u ma jagħmel l-ebda distinzjoni bejn il-plastik ossodegradabbli li jkun bijodegradabbli u l-plastik ossodegradabbli li ma jkunx bijodegradabbli.

Dan id-dokument jipprovdi gwida dwar id-definizzjonijiet ewlenin tad-Direttiva u eżempji ta' prodotti li għandhom jitqiesu bħala li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha jew barra minnu. Dawn l-eżempji mhumiex eżawrjenti u jservu biss biex jipprovdu illustrazzjoni dwar kif għandhom jiġu interpretati ċerti definizzjonijiet u rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva fil-kuntest tal-prodotti tal-plastik speċifiċi li jintużaw darba biss. Il-kontenut, inkluż l-eżempji, jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni Ewropea u bħala tali mhuwiex legalment vinkolanti. L-interpretazzjoni vinkolanti tal-leġiżlazzjoni tal-UE hija l-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

B'mod partikolari fid-dawl tal-pandemija tal-coronavirus, jiġi nnotat li l-Artikolu 11 jirrikjedi li l-miżuri li jittrasponu u jimplimentaw l-Artikoli 4 sa 9 tad-Direttiva jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni dwar l-ikel biex jiġi żgurat li l-iġjene tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel ma jiġux kompromessi. Il-Premessa 14 tirrikjedi wkoll li l-miżuri ma jikkompromettux ukoll il-prattiki tajba tal-iġjene, il-prattiki tajba tal-manifattura, u l-informazzjoni għall-konsumatur.

2. **TERMINI U DEFINIZZJONIJIET ĠENERALI** ([3])

2.1. **Definizzjoni ta' plastik (l-Artikolu 3, il-punt (1))**

Id-definizzjoni ta' plastik tingħata fl-Artikolu 3, il-punt (1):

"'plastik' tfisser materjal magħmul minn ***polimeru kif definit fil-punt (5) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006*** *([4]), li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li* ***jista' jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali*** *tal-prodotti finali,* ***bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament"*** *[Enfasi miżjuda]*

Skont il-Premessa 11 u l-Artikolu 3, il-punt (1) tad-Direttiva jirreferi għad-definizzjoni stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament REACH") u jżid aktar elementi biex jintroduċi definizzjoni adattata u b'hekk separata.

Il-Premessa 11 tindika b'mod espliċitu ż-żebgħa, il-linek u l-adeżivi bħala materjali polimeriċi, li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u li mhumiex meqjusa li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' plastik fl-Artikolu 3, il-punt (1). Għaldaqstant, prodott finali (b'xi mod ieħor) mhux tal-plastik li dawn jiġu applikati għalih mhuwiex prodott tal-plastik li jintuża darba biss skont din id-Direttiva. Bosta mit-termini u mill-kunċetti użati fl-Artikolu 3, il-punt (1) u fil-Premessa 11 jirrikjedu aktar kjarifika. It-taqsimiet li ġejjin jipprovdu gwida dwar it-termini ewlenin, b'mod partikolari:

— polimeru (it-taqsima 2.1.1);

— jista' jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali (it-taqsima 2.1.2); u

— polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament (it-taqsima 2.1.3).

([3]) Il-gwida mogħtija f'dan il-kapitolu ma tapplikax għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel u b'mod partikolari għar-Regolament (UE) Nru 10/2011 dwar il-materjali tal-plastik li jiġu f'kuntatt mal-ikel, li fihom, f'xi każijiet, jintużaw kunċetti u definizzjonijiet simili, iżda b'interpretazzjoni parzjalment differenti li tirrifletti l-kuntesti differenti.

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

2.1.1. *Polimeru*

L-Artikolu 3, il-punt (1) tad-Direttiva jirreferi għad-definizzjoni ta' polimeru fl-Artikolu 3, il-punt (5) tar-Regolament REACH, li tgħid hekk:

"*polimeru: tfisser sustanza li tikkonsisti minn molekuli karatterizzati minn sekwenza ta' tip wieħed jew aktar ta' unitajiet monomeriċi. Tali molekuli jrid ikollhom firxa ta' piżijiet molekulari fejn id-differenzi fil-piż molekulari jkun attribwibbli primarjament għad-differenzi fin-numru ta' unitajiet monomeriċi. Polimeru jkun fih dan li ġej:*

(a) *maġġoranza ta' piż sempliċi ta' molekuli li jkun fih tal-anqas tliet unitajiet monomeriċi li jkunu marbuta b'mod kovalenti ma' tal-anqas unità monomerika oħra jew sustanza reattiva oħra;*

(b) *anqas minn maġġoranza sempliċi ta' piż ta' molekuli tal-istess piż molekulari.*

Fil-kuntest ta' din id-definizzjoni 'unità monomerika' tfisser il-forma li ġiet suġġetta għal reazzjoni ta' sustanza monomerika f'polimeru."

Biex tiġi kkomplementata d-definizzjoni ta' polimeru fir-Regolament REACH, tingħata gwida addizzjonali fil-Gwida tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA, European Chemicals Agency) għall-polimeri u għall-monomeri ([5]) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Gwida tal-ECHA"):

"*Polimeru, bħal kull sustanza oħra ddefinita fl-Artikolu 3(1) [tar-REACH], jista' jkun fih ukoll addittivi meħtieġa biex jippreservaw l-istabbiltà tal-polimeru u impuritajiet li jiġu mill-proċess ta' manifattura. Dawn l-istabbilizzaturi u impuritajiet jitqiesu li jagħmlu parti mis-sustanza.*"

2.1.2. *Jista' jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali*

L-Artikolu 3, il-punt (1) tad-Direttiva jiddefinixxi l-plastik bħala "*materjal (...) li* ***jista' jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali*** *tal-prodotti finali*". L-aspett tal-kapaċità li jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali jikkonċerna d-definizzjoni ta' plastik u mhux id-definizzjoni ta' prodott tal-plastik li jintuża darba biss. Għalhekk, fil-kuntest tad-definizzjoni ta' plastik, dan il-kriterju għandu jinftiehem bħala kunċett ġeneriku. Peress li l-Artikolu 3, il-punt (1) ma jispeċifika jew jillimita bl-ebda mod it-tip ta' prodott finali, u lanqas l-ammont tal-polimeru, fil-prinċipju, firxa wiesgħa ta' polimeri jistgħu jiffunzjonaw bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali.

2.1.3. *Polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament*

Il-polimeri li jissodisfaw iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin stabbiliti fil-punt (1) tal-Artikolu 3 jiġu eżentati mid-Direttiva: (i) jikkwalifikaw bħala polimeri naturali u (ii) jissodisfaw ir-rekwiżit li ma jkunux ġew modifikati kimikament. Dawn it-termini huma ċċarati aktar fil-Premessa 11:

*Jenħtieġ li l-"****polimeri naturali mhux modifikati****, fis-sens tad-definizzjoni ta' '****sustanzi mhux modifikati b'mod kimiku****' fil-****punt 40 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006****..., ma jkunux koperti minn din id-Direttiva għaliex* ***jeżistu b'mod naturali fl-ambjent.*** *Għalhekk, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li d-definizzjoni ta' polimeru fil-punt 5 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tiġi adattata u li tiġi introdotta definizzjoni separata" [Enfasi miżjuda]*

*"Il-plastiks manifatturati b'****polimeri naturali modifikati****, jew il-plastiks manifatturati minn* ***sustanzi inizjali b'bażi bijoloġika, ta' fossili jew sintetika mhumiex ta' oriġini naturali*** *u għalhekk jenħtieġ li jiġu indirizzati f'din id-Direttiva. Għalhekk jenħtieġ li d-definizzjoni adattata tal-plastiks tkopri* ***l-oġġetti tal-lasktu b'bażi ta' polimeri u l-plastiks b'bażi bijoloġika u bijodegradabbli*** *irrispettivament minn jekk humiex derivati minn bijomassa jew humiex intenzjonati biex jiġu bijodegradati maż-żmien" [Enfasi miżjuda]*

(i) Polimeri naturali

It-terminu polimeru naturali huwa ddefinit fil-Gwida tal-ECHA kif ġej:

"Polimeri naturali jitqiesu bħala polimeri li huma r-riżultat ta' proċess ta' polimerizzazzjoni li jkun ***seħħ fin-natura, indipendentement mill-proċess ta' estrazzjoni*** *li bih ikunu ġew estratti. Dan ifisser li polimeri naturali mhumiex neċessarjament '****sustanzi li jseħħu fin-natura****' meta jkunu vvalutati skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(39) tar-Regolament REACH." [Enfasi miżjuda]*

([5]) L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (2012). Gwida għall-monomeri u l-polimeri. Taqsima 2.2. u Taqsima 3.2.1.3. Miksuba minn: https://echa.europa.eu/documents/10162/23036412/polymers_mt.pdf/0cb86c4b-5f64-43d7-b817-7867457fd6d5.

Il-punt (39) tal-Artikolu 3 tar-Regolament REACH jiddefinixxi s-sustanzi li jseħħu fin-natura kif ġej:

"***Sustanzi li jinsabu fin-natura**: tfisser **sustanza li teżisti bħala tali b'mod naturali**, mhux proċessata jew proċessata biss b'mezzi manwali, mekkaniċi jew gravitazzjonali, bit-taħlil fl-ilma, bil-flotazzjoni, bl-estrazzjoni bl-ilma, bid-distillazzjoni bil-fwar jew billi tissaħħan biss sabiex jitneħħa l-ilma, jew li tiġi estratta mill-arja bi kwalunkwe mezz." [Enfasi miżjuda]*

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, it-termini polimeru naturali u sustanza li teżisti b'mod naturali huma żewġ termini distinti u jenħtieġ li ma jiġux imfixkla. Distinzjoni ewlenija hija relatata mal-metodi tal-estrazzjoni permessi. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-polimeru naturali jirreferi għal grupp usa' li jkun indipendenti mill-metodu użat biex tiġi estratta s-sustanza min-natura. Barra minn hekk, l-Artikolu 3, il-punt (39) tar-Regolament REACH ma jissemmiex direttament fid-Direttiva. Konsegwenza ta' din id-distinzjoni u tal-applikazzjoni tad-definizzjoni mill-Gwida tal-ECHA hija, pereżempju, li ċ-ċelluloża u l-linjina estratti mill-injam u mil-lamtu tal-qamħirrum miksuba permezz tat-tħin niedi jissodisfaw id-definizzjoni ta' polimeru naturali.

Distinzjoni ewlenija oħra hija jekk il-proċess ta' polimerizzazzjoni jkunx seħħ fin-natura jew ikunx ir-riżultat ta' proċess industrijali li jinvolvi l-organiżmi ħajjin. Abbażi tar-Regolament REACH u tal-Gwida relatata tal-ECHA, il-polimeri prodotti permezz ta' proċess industrijali ta' fermentazzjoni ma jitqisux bħala polimeri naturali minħabba li l-polimerizzazzjoni ma tkunx seħħet fin-natura. Għalhekk, il-polimeri li jirriżultaw mill-bijosinteżi permezz ta' proċessi ta' kultivazzjoni u fermentazzjoni magħmula mill-bniedem f'ambjenti industrijali, eż. il-poliidrossialkanoati (PHA, polyhydroxyalkanoates), ma jitqisux bħala polimeri naturali minħabba li ma jirriżultawx minn proċess ta' polimerizzazzjoni li jkun seħħ fin-natura. B'mod ġenerali, jekk polimeru jinkiseb minn proċess industrijali u jiġri li l-istess tip ta' polimeru jkun jeżisti fin-natura, il-polimeru manifatturat ma jikkwalifikax bħala polimeru naturali.

(ii) Mhux modifikati kimikament

Il-Premessa 11 tad-Direttiva tispjega li t-terminu sustanzi mhux modifikati kimikament jenħtieġ li jinqara f'konformità mal-Artikolu 3, il-punt (40) tar-Regolament REACH, li jgħid:

*"sustanza mhux modifikata b'mod kimiku: tfisser sustanza li **l-istruttura kimika tagħha tibqa' mhux mibdula**, anke jekk tkun għaddiet minn proċess jew trattament kimiku, jew trasformazzjoni mineraloġika fiżika, pereżempju sabiex jitneħħew l-impuritajiet." [Enfasi miżjuda]*

It-termini ma ġewx modifikati kimikament fl-Artikolu 3, il-punt (1) tad-Direttiva, fir-rigward tal-polimeri naturali, għandhom jiġu interpretati kif ġej: id-deċiżjoni dwar jekk polimeru jkunx ġie modifikat kimikament fil-produzzjoni tiegħu jew le jenħtieġ li tqis biss id-differenza bejn il-polimeru mdaħħal u dak li jirriżulta, filwaqt li tiġi injorata kwalunkwe modifika li setgħet seħħet matul il-proċessi tal-produzzjoni, peress li dawk mhumiex rilevanti għall-proprjetajiet u l-imġiba tal-polimeru użat u eventwalment potenzjalment rilaxxat fl-ambjent.

Dan ifisser li, pereżempju, iċ-ċelluloża riġenerata, eż. fil-forma ta' rita viskuża, lijoċellulari u ċellulożika, ma titqiesx bħala modifikata kimikament, peress li l-polimeri li jirriżultaw ma jkunux modifikati kimikament meta mqabbla mal-polimeru mdaħħal. L-aċetat taċ-ċelluloża jitqies bħala modifikat kimikament minħabba li, meta mqabbel mal-polimeru naturali mdaħħal, il-modifiki kimiċi taċ-ċelluloża matul il-proċess tal-produzzjoni jibqgħu preżenti fi tmiem il-proċess tal-produzzjoni.

Meta l-bidliet fl-istruttura kimika ta' polimeru jirriżultaw minn reazzjonijiet li jkunu qed iseħħu biss matul il-proċess ta' estrazzjoni ta' polimeru naturali (eż. il-proċess tal-isfibratura tal-injam biex jiġu estratti ċ-ċelluloża u l-linjina), dawn ma jitqisux li jirriżultaw f'modifika kimika tal-polimeru naturali skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (1) u tal-Premessa 11 tad-Direttiva. Għalhekk, il-materjal tal-karta li jirriżulta mill-proċess tal-isfibratura tal-injam ma jitqiesx bħala magħmul minn polimeri naturali modifikati kimikament. Din l-interpretazzjoni hija wkoll f'konformità mal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal din id-Direttiva (minn hawn 'il quddiem, "il-Valutazzjoni tal-Impatt"), li fiha l-prodotti bbażati fuq il-karta mingħajr kisi bil-plastik minn ġewwa jew minn barra ġew identifikati bħala alternattivi disponibbli u aktar sostenibbli għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss ([6]).

([6]) SWD(2018) 254 final, il-Parti 3/3, pp. 29-31.

2.2. **Prodott tal-Plastik li Jintuża Darba Biss (l-Artikolu 3, il-punt (2))**

L-Artikolu 3, il-punt (2) tad-Direttiva jagħti d-definizzjoni li ġejja għal prodott tal-plastik li jintuża darba biss:

"*prodott li huwa magħmul* ***kompletament jew parzjalment*** *mill-plastik u li* ***mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq*** *biex iwettaq,* ***għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand produttur biex jerġa' jimtela*** *jew biex* ***jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub***" [enfasi miżjuda]

Barra minn hekk, il-Premessa 7 u l-Premessa 12 jiddikjaraw li d-Direttiva jenħtieġ li tkopri biss dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss misjuba l-aktar fuq ix-xtajtiet fl-Unjoni - kif ukoll l-irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik u l-prodotti minn plastik ossodegradabbli - u li, għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-kontenituri tax-xorb tal-ħġieġ u tal-metall ma jkunux koperti bid-Direttiva. Id-Direttiva speċifikament teżenta mill-Partijiet C, E, F u G tal-Anness, il-kontenituri tax-xorb tal-ħġieġ u tal-metall li jkollhom it-tappijiet u l-għotjien magħmula mill-plastik, filwaqt li tinkludi l-imballaġġ imħallat tax-xorb. Dan huwa f'konformità mal-objettivi tad-Direttiva li jiġu ffokati l-isforzi fejn dawn huma l-aktar meħtieġa.

2.2.1. *Kontenut ta' plastik: magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik*

Il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fl-Anness tad-Direttiva jkunu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha jekk dawn ikunu magħmula kompletament jew parzjalment biss mill-plastik kif iddefinit fl-Artikolu 3, il-punti (1) u (2). Id-Direttiva ma tipprevedi l-ebda limitu *de minimis* għall-kontenut ta' plastik fi prodott li jintuża darba biss biex jiġi ddeterminat jekk dak il-prodott ikunx kopert bid-definizzjoni ta' prodott tal-plastik li jintuża darba biss jew le; għalhekk, għandha tiġi applikata valutazzjoni kwalitattiva.

Fil-produzzjoni ta' ħafna materjali, inkluż materjali mhux tal-plastik, il-polimeri li jissodisfaw id-definizzjoni ta' plastik f'din id-Direttiva spiss jintużaw biex jinkisbu proprjetajiet materjali speċifiċi kif ukoll effiċjenzi ogħla fil-proċess tal-produzzjoni. Dawk il-materjali polimeriċi spiss ikunu addittivi kimiċi sintetiċi. L-użu ta' dawn il-materjali polimeriċi, eż. bħala aġenti ta' ritenzjoni jew leganti u bħala għajnuniet għall-ipproċessar fil-produzzjoni ta' materjal, li fih innifsu ma jkunx tal-plastik, ma jwassalx biex il-prodott li jintuża darba biss, li jkun magħmul biss minn dak il-materjal, jitqies bħala magħmul parzjalment mill-plastik. B'mod partikolari, fit-tħejjija tal-proposta leġiżlattiva għad-Direttiva ([7]), il-prodotti bbażati fuq il-karta u l-kartun ġew ivvalutati speċifikament għall-potenzjal tagħhom li jservu bħala alternattiva sostenibbli għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-prodotti li jintużaw darba biss ibbażati fuq il-karta u l-kartun li jkunu magħmulin biss minn materjal ibbażat fuq il-karta u l-kartun, u mingħajr kisi bil-plastik minn ġewwa jew minn barra, ma għandhomx jitqiesu bħala prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss skont it-tifsira tad-Direttiva.

Madankollu, meta jiġi applikat kisi bil-plastik minn ġewwa jew minn barra fuq il-wiċċ ta' materjal ibbażat fuq il-karta jew il-kartun jew ta' materjal ieħor biex tiġi pprovduta protezzjoni kontra l-ilma jew ix-xaħam, il-prodott finali jitqies bħala prodott kompost magħmul minn aktar minn materjal wieħed b'wieħed minnhom ikun il-plastik. F'dan il-każ, il-prodott finali jitqies bħala magħmul parzjalment mill-plastik. Għalhekk, il-prodotti li jintużaw darba biss ibbażati fuq il-karta jew il-kartun, b'kisi bil-plastik minn barra jew minn ġewwa, huma magħmula parzjalment mill-plastik u jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Dan huwa appoġġat ukoll mill-fatt li fir-rigward tat-tazez ibbażati fuq il-karta u l-kartun, b'kuntrast ma' prodotti oħra li jintużaw darba biss ibbażati fuq il-karta u l-kartun mingħajr kisi bil-plastik minn ġewwa jew minn barra, it-tazez ibbażati fuq il-karta u l-kartun b'saff tal-plastik ma ġewx identifikati bħala għażla alternattiva fil-Valutazzjoni tal-Impatt ([8]), hekk kif minnhom innifishom mhumiex ħielsa mill-plastik. Din l-interpretazzjoni hija appoġġata mill-fatt li l-eżenzjoni għall-kisjiet oriġinarjament inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni ([9]) permezz tal-Premessa 8 ma għadhiex tidher fil-Premessa 11 korrispondenti tad-Direttiva, u lanqas xi mkien ieħor fid-Direttiva. Il-koleġiżlaturi b'hekk esprimew l-intenzjoni li ma jeskludux b'mod espliċitu prodotti magħmula minn materjali mhux tal-plastik b'kisi bil-plastik minn barra u b'kisi bil-plastik minn ġewwa mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. F'konformità mal-

([7]) *Ibid.*

([8]) SWD(2018) 254 final, il-Parti 3/3, p. 30. Id-dokument jiddikjara li alternattiva mhux tal-plastik li tintuża darba biss mhijiex inkluża fl-analiżi peress li huma meħtieġa tazez għax-xorb miksija minn ġewwa għall-kafè biex jiġi żgurat li tinżamm is-saħħa mekkanika anke meta dawn jimtlew b'likwidu jaħraq ħafna għal ċertu tul ta' ħin.

([9]) Il-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent (COM(2018) 340 final, 28.5.2018).

Premessa 9, kemm il-frammenti kbar kif ukoll dawk żgħar tal-plastik li jirriżultaw minn oġġetti tal-plastik li jintużaw darba biss jikkawżaw tniġġis sinifikanti tal-art, kontaminazzjoni tal-ħamrija u jistgħu jnixxu fl-ambjent tal-baħar b'impatt negattiv fuq l-ambjent tal-baħar. Għalhekk, l-inklużjoni ta' dawn l-oġġetti fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva mhux biss hija f'konformità mal-objettivi tad-Direttiva iżda hija meħtieġa biex jiġi evitat u jitnaqqas l-impatt ta' ċerti prodotti tal-konsumatur li jimxu ħafna, magħmula kompletament jew parzjalment mill-plastik, u suxxettibbli li jintremew bl-addoċċ b'riskji b'mod partikolari għall-ekosistemi tal-baħar, għall-bijodiversità u għas-saħħa tal-bniedem. Dan huwa meħtieġ ukoll biex jinkiseb l-objettiv li tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'mudelli kummerċjali, prodotti u materjali innovattivi u sostenibbli li jagħtu prijorità lil prodotti sostenibbli u mhux tossiċi li jistgħu jerġgħu jintużaw u lil sistemi ta' użu mill-ġdid, aktar milli lil prodotti li jintużaw darba biss, bil-għan li l-ewwel u qabel kollox titnaqqas il-kwantità ta' skart ġenerat.

Illustrazzjoni oħra hija l-kraten tax-xorb li ġeneralment jikkonsistu f'diversi saffi ta' karti, plastik, u f'xi każijiet aluminju, meħtieġa biex jiġu pprovduti l-proprjetajiet tekniċi għall-kontenitur tax-xorb, inkluż l-ostakli għall-ossiġenu u għall-ilma. Il-kraten tax-xorb huma inklużi fl-imballaġġ imħallat tax-xorb ([10]), li huwa inkluż b'mod espliċitu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva skont il-Partijiet C, E u G tal-Anness kif ukoll skont il-Premessi 12 u 18.

2.2.2. *Jintuża darba biss*

L-użu kumulattiv tat-termini fl-Artikolu 3, il-punt (2) jirrikjedi li l-prodott jenħtieġ li la jkun maħsub u lanqas iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli. Dan jenħtieġ li jeskludi sitwazzjonijiet fejn il-prodotti finali jistgħu potenzjalment jitqiegħdu fis-suq jew jiġu kkummerċjalizzati bħala li jintużaw aktar minn darba jew li jistgħu jerġgħu jintużaw mingħajr ma jkunu maħsuba u ġew iddisinjati bħala tali, jew mingħajr ma jitqiegħdu fis-suq bħala parti minn sistema jew arranġament biex jiġi żgurat l-użu mill-ġdid tagħhom.

Il-karatteristiċi tad-disinn tal-prodott jistgħu jgħinu biex jiġi ddeterminat jekk jenħtieġ li prodott jitqies bħala li jintuża darba biss jew bħala li jintuża aktar minn darba. Jekk prodott ikunx maħsub, iddisinjat u mqiegħed fis-suq għall-użu mill-ġdid, jista' jiġi vvalutat billi titqies il-ħajja funzjonali mistennija tal-prodott, jiġifieri jekk dan ikunx maħsub u ddisinjat biex jintuża diversi drabi qabel ir-rimi finali, mingħajr ma jintilfu l-funzjonalità, il-kapaċità fiżika jew il-kwalità tal-prodott, u jekk il-konsumaturi tipikament jarawhx, iqisuhx u jużawhx bħala prodott li jista' jerġa' jintuża. Il-karatteristiċi rilevanti tad-disinn tal-prodott jinkludu l-kompożizzjoni tal-materjal, il-possibbiltà ta' ħasil u l-possibbiltà ta' tiswija, li jkunu jippermettu vjaġġi u rotazzjonijiet multipli għall-istess skop li għalih kien maħsub oriġinarjament il-prodott. Għal reċipjent, li jkun tal-imballaġġ, in-natura ta' użu mill-ġdid tiegħu tista' tiġi ddeterminata f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali skont id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ ([11]), inkluż kwalunkwe dikjarazzjoni li tiċċertifika l-konformità tal-imballaġġ ma' dawk ir-rekwiżiti essenzjali u l-istandards relatati.

2.2.3. *In-natura ta' mili u użu mill-ġdid tal-prodott*

F'konformità mal-Artikolu 3, il-punt (2) tad-Direttiva, prodott li jintuża darba biss huwa prodott li ma jkunx maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi:

— jiġi rritornat għand produttur biex jerġa' jimtela jew

— jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub.

Id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ tipprovdi gwida utli biex jiġu identifikati prodotti li jitqiegħdu fis-suq bħala imballaġġ li jkun jikkonforma ma' dawn il-kondizzjonijiet u b'hekk ma jitqiesx bħala li jintuża darba biss, b'mod partikolari, permezz tad-definizzjoni ta' imballaġġ li jista' jerġa' jintuża u tal-parti rilevanti tar-rekwiżiti essenzjali dwar l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża. Skont l-Artikolu 3, il-punt (2a) tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ, imballaġġ li jista' jerġa' jintuża tfisser "*imballaġġ li nħoloq, li ġie ddisinjat u li tqiegħed fis-suq biex matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu jwettaq diversi vjaġġi jew rotazzjonijiet billi jimtela mill-ġdid jew jintuża mill-ġdid għall-istess skop li għalih kien inħoloq*". B'analoġija, id-definizzjoni ta' imballaġġ li jista' jerġa' jintuża tipprovdi gwida utli dwar il-possibbiltà ta' użu mill-ġdid ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss mhux tal-imballaġġ minħabba li prinċipji simili japplikaw ukoll għal oġġetti mhux tal-imballaġġ, eż. rigward l-intenzjoni li jerġgħu jintużaw u l-possibbiltà li l-oġġett jiġi rrikondizzjonat, jitnaddaf, jinħasel, u jissewwa filwaqt li tinżamm il-kapaċità tiegħu li jwettaq il-funzjoni maħsuba tiegħu.

([10]) Ara l-Artikolu 3(2b) tad-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10).
([11]) Id-Direttiva 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10).

F'konformità mal-Anness II, il-punt (2), tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ, li tistabbilixxi r-rekwiżiti essenzjali għall-imballaġġ, jenħtieġ li l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża, fost l-oħrajn, ikollu kwalitajiet u karatteristiċi fiżiċi li jippermettu għadd ta' vjaġġi jew rotazzjonijiet f'kondizzjonijiet ta' użu li normalment jistgħu jitbassru. Il-kondizzjonijiet dettaljati għall-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti huma speċifikati fl-istandard armonizzat Ewropew EN 13429:2004 Imballaġġ - Użu mill-ġdid. Ir-rekwiżiti elenkati f'dak l-istandard biex titqies in-natura ta' użu mill-ġdid tal-imballaġġ jinkludu:

— L-intenzjoni li l-pakkett jerġa' jintuża (jiġifieri ddisinjat, maħsub u mqiegħed fis-suq apposta);

— Id-disinn tal-pakkett ikun jippermettilu jwettaq għadd ta' vjaġġi jew rotazzjonijiet;

— Il-pakkett ikun jista' jitbattal/jinħatt mingħajr ħsara sinifikanti, u mingħajr riskju għall-integrità tal-prodott, u għas-saħħa u s-sikurezza;

— Il-pakkett ikun jista' jiġi rrikondizzjonat, jitnaddaf, jinħasel u jissewwa, filwaqt li tinżamm il-kapaċità tiegħu li jwettaq il-funzjoni maħsuba tiegħu;

— Ikun hemm arranġamenti fis-seħħ biex l-użu mill-ġdid ikun possibbli, jiġifieri tiġi stabbilita sistema ta' użu mill-ġdid u tkun operazzjonali.

Meta l-prodotti tal-plastik elenkati fl-Anness tad-Direttiva ma jitqegħdux fis-suq bħala imballaġġ, iridu jitqiesu aktar kunsiderazzjonijiet sabiex jiġi ddeterminat jekk dawn jintużawx darba biss jew jintużawx aktar minn darba. Pereżempju, meta l-istess tip ta' oġġett, li ġeneralment jitqiegħed fis-suq bħala imballaġġ tal-plastik li ma jistax jerġa' jintuża, jinbiegħ ukoll vojt lill-konsumaturi finali (bħal tazez tal-plastik jew kontenituri tal-ikel), huwa xieraq li dan jitqies bħala prodott tal-plastik li jintuża darba biss.

Is-sistemi operazzjonali ta' użu mill-ġdid għall-mili mill-ġdid jew għat-tagħbija mill-ġdid huma essenzjali biex isir użu minn oġġetti li jistgħu jerġgħu jintużaw u dawn is-sistemi jistgħu jinkludu imballaġġ postali jew bil-kurrier jew kaxex ta' depożitu maħżuna. F'sistema ta' mili mill-ġdid li tiffunzjona, il-funzjonalità, il-kapaċità fiżika u l-kwalità tal-prodott ma jiġux modifikati mill-produttur u/jew mid-distributur bejn il-mili mill-ġdid ([12]). Jiġi nnotat ukoll li s-sistemi ta' użu mill-ġdid għas-servizz tal-ikel u tax-xorb implimentati u ġestiti b'mod effettiv mill-operaturi jistgħu jipprovdu assigurazzjoni aktar konsistenti fis-sens li l-oġġetti li jistgħu jerġgħu jintużaw (eż. tazez, kontenituri u pożati) jiġu ssanitizzati kif suppost biex tiġi ggarantita l-iġjene, tiġi protetta s-saħħa pubblika u tiġi żgurata s-sikurezza tal-konsumaturi u tal-impjegati.

3. **RELAZZJONI BEJN ID-DIRETTIVA (UE) 2019/904 U D-DIRETTIVA 94/62/KE**

Il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss koperti mid-Direttiva dwar il-Plastik li jintuża darba biss, u li jitqiesu wkoll bħala imballaġġ kif iddefinit mill-Artikolu 3, il-punt (1) tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ iridu jikkonformaw mar-rekwiżiti taż-żewġ Direttivi.

Il-Premessa 10 tad-Direttiva dwar il-Plastik li jintuża darba biss tiċċara li, fil-każ ta' kunflitt bejn iż-żewġ Direttivi, din id-Direttiva għandha tkun prevalenti. Dan huwa l-każ fir-rigward tar-restrizzjonijiet tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Il-kontenituri tal-ikel u t-tazez għax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss (inkluż it-tappijiet u l-għotjien tagħhom) li jkunu imballaġġ jistgħu, f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar il-Plastik li jintuża darba biss, ikunu soġġetti għal restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni b'deroga mill-Artikolu 18 tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ għall-finijiet tal-prevenzjoni ta' dawn il-prodotti milli jsiru skart sabiex jiġi żgurat li dawn jiġu ssostitwiti b'alternattivi li jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew li ma jkunx fihom il-plastik. Id-Direttiva dwar il-Plastik li jintuża darba biss tissupplimenta d-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ fir-rigward tal-miżuri għat-tnaqqis fil-konsum, ir-rekwiżiti tad-disinn tal-prodott, u r-regoli dwar l-immarkar u r-responsabbiltà estiża tal-produttur.

Il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li ma jikkostitwux imballaġġ huma soġġetti għar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Plastik li jintuża darba biss, anke jekk dawn jista' jkollhom funzjonalitajiet jew proprjetajiet simili għall-imballaġġ.

([12]) National Law Review (2019). The New EU Single-use Plastics Directive: EU to Adopt Law on the Reduction of the Impact of Certain Plastic Products on the Environment. Miksuba minn: https://www.natlawreview.com/article/new-eu-single-use-plastics-directive-eu-to-adopt-law-reduction-impact-certain.

Tabella 1

Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li jikkostitwixxu u ma jikkostitwux imballaġġ skont id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ

Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li jikkostitwixxu imballaġġ	Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li ma jikkostitwux imballaġġ
— Kontenituri tal-ikel mimlija; kontenituri tax-xorb, fliexken tax-xorb u tazez għax-xorb, pakketti u tgeżwir, basktijiet tal-plastik ħfief u platti (jissodisfaw il-kriterju (i) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ) — Kontenituri tal-ikel, kontenituri tax-xorb, fliexken tax-xorb, tazez għax-xorb, pakketti u tgeżwir u platti mqiegħda fis-suq vojta iżda maħsuba biex jimtlew fil-punt tal-bejgħ (jissodisfaw il-kriterju (ii) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ) — Tappijiet, għotjien, għatiet, straws, ħawwada u tipi oħra ta' komponenti tal-imballaġġ u ta' elementi anċillari, meta jkunu jiffurmaw parti integrali mill-imballaġġ (jissodisfaw il-kriterju (iii) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ)	— Pożati, straws u ħawwada peress li dawn tipikament ma jwettqux funzjoni ta' imballaġġ (li ma jissodisfawx il-kriterju (iii) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ) — Reċipjenti, inkluż kontenituri tal-ikel, kontenituri tax-xorb u fliexken tax-xorb (inkluż it-tappijiet u l-għotjien tagħhom) ([13]), tazez għax-xorb (u l-għatiet u l-għotjien tagħhom), li jitqiegħdu fis-suq vojta u li ma jkunux maħsuba biex jimtlew fil-punt tal-bejgħ (li ma jissodisfawx il-kriterju (ii) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ) — Prodotti li ma jikkostitwux imballaġġ: — Stikek tal-cotton buds — Bżieżaq — Assorbenti sanitarji (pads), tampuni u applikaturi tat-tampuni — Wet wipes — Prodotti tat-tabakk bil-filtri, u filtri kkummerċjalizzati għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk

4. **KRITERJI SPEĊIFIĊI TAL-PRODOTT**

4.1. **Kontenituri tal-ikel**

4.1.1. *Deskrizzjoni tal-prodott u kriterji fid-Direttiva*

It-tabella ta' hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali lejn id-deskrizzjonijiet tal-prodott għall-kontenituri tal-ikel tal-plastik li jintużaw darba biss previsti fid-Direttiva.

Tabella 2

Ħarsa ġenerali lejn id-deskrizzjonijiet tal-prodott tal-kontenituri tal-ikel fid-Direttiva

Il-Parti A, il-punt (2), il-Parti E, it-Taqsima I, il-punt (1), u l-Parti G, il-punt (1) tal-Anness:

"Kontenituri tal-ikel, jiġifieri reċipjenti bħal kaxex, b'għatu jew mingħajr, użati biex jitpoġġa l-ikel fihom li:
(a) jkun maħsub għal konsum immedjat, jew fuq il-post jew bħala 'take-away',
(b) tipikament jiġi kkunsmat mill-kontenitur, u
(c) jkun lest biex jiġi kkunsmat mingħajr l-ebda tħejjija oħra, bħal tisjir, togħlija jew tisħin, inklużi kontenituri tal-ikel użati għal ikel ta' malajr (fast food) jew ikliet oħra lesti għal konsum immedjat, minbarra kontenituri tax-xorb, platti, pakketti u tgeżwir li fihom l-ikel."

([13]) Il-kontenituri tal-ikel, il-kontenituri tax-xorb u l-fliexken tax-xorb li jitqiegħdu fis-suq vojta u li ma jkunux maħsuba biex jimtlew fil-punt tal-bejgħ huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-SUP skont id-definizzjonijiet tal-prodott (ara l-parti C), peress li l-prodotti "jintużaw" biex iżommu l-ikel u x-xorb fihom rispettivament.

L-Artikolu 12: “Sabiex jiġi stabbilit jekk kontenitur tal-ikel għandux jiġi kkunsidrat bħala prodott tal-plastik li jintuża darba biss għall-finijiet ta’ din id-Direttiva, minbarra l-kriterji elenkati fl-Anness fir-rigward ta’ kontenituri tal-ikel, għandha jkollha rwol deċiżiv it-tendenza tiegħu li jintrema bl-addoċċ, minħabba l-volum jew qies tiegħu, b’mod partikolari dawk ta’ porzjon wieħed.”

It-tliet kriterji stabbiliti fil-Parti A, il-punt (2), il-Parti E, it-Taqsima I, il-punt (1), il-Parti G, il-punt (1) tal-Anness tad-Direttiva japplikaw b’mod kumulattiv. Għalhekk, biex kontenitur tal-ikel ikun kopert mid-Direttiva, dan irid jissodisfa t-tliet kriterji li japplikaw għall-ikel imqiegħed fih.

L-indikaturi li ġejjin jistgħu jintużaw biex jiġu interpretati u applikati t-tliet kriterji:

(1) Kriterju: ikun maħsub għal konsum immedjat, jew fuq il-post jew bħala take-away

Indikaturi rilevanti:

— In-natura tal-oġġett tal-ikel li jkun fil-kontenitur tal-ikel: L-oġġetti tal-ikel ġeneralment ikunu adattati għal konsum immedjat huma eż. il-lewż, is-sandwiches, il-jogurts, l-insalata u l-ikliet imsajra, il-frott u l-ħxejjex.

— L-inklużjoni jew it-twaħħil ta’ oġġetti bħal frieket, skieken, mgħaref u stikek u/ jew zlazi mal-kontenitur tal-ikel tal-plastik li jintuża darba biss. Madankollu, in-nuqqas ta’ dawn l-oġġetti jenħtieġ li minnu nnifsu ma jeskludix il-prodott mill-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva.

(2) Kriterju: tipikament jiġi kkunsmat mill-kontenitur

Indikatur rilevanti:

— L-għamla tal-kontenitur tal-ikel tkun tippermetti jew tiffaċilita li jittiekel l-oġġett tal-ikel imqiegħed fih direttament mill-kontenitur, jiġifieri billi sempliċiment jinfetaħ.

(3) Kriterju: ikun lest biex jiġi kkunsmat mingħajr l-ebda tħejjija oħra, bħal tisjir, togħlija jew tiswin

Indikaturi rilevanti:

— L-oġġett tal-ikel li jkun fil-kontenitur tal-ikel jista’ jiġi kkunsmat mingħajr l-ebda tħejjija oħra. Pereżempju, l-oġġett tal-ikel ma jkunx jirrikjedi l-iffriżar, it-tisjir, it-togħlija jew it-tiswin, inkluż il-qali, ix-xiwi, il-ħami, it-tqegħid fil-microwave u l-ittowstjar. Pereżempju, il-ħasil, it-tqaxxir jew it-tqattigħ tal-frott u tal-ħxejjex, jenħtieġ li ma jitqisux bħala tħejjija u għalhekk mhumiex indikatur għall-esklużjoni mid-Direttiva, peress li dawn jistgħu jitwettqu faċilment dak il-ħin.

— L-oġġett tal-ikel li jkun fil-kontenitur tal-ikel jista’ jiġi kkunsmat mingħajr ma jiżdiedu t-taħwir jew iz-zlazi (dment li dawn ma jiġux ipprovduti flimkien mal-prodott tal-ikel), l-ilma kiesaħ jew sħun jew likwidi oħra, inkluż il-ħalib, qabel il-konsum tal-oġġett tal-ikel bħal fil-każ taċ-ċereali (dment li l-porzjonijiet taċ-ċereali għal wieħed ma jinbigħux flimkien ma’ kontenitur tal-ħalib addizzjonali għal wieħed) jew tat-trab tas-sopop.

Jenħtieġ li jiġi indikat li l-kontenituri tal-ikel użati biex iżommu l-ikel li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva, li jinbiegħu vojta u li ma jkunux maħsuba biex jimtlew fil-punt tal-bejgħ, huma koperti wkoll mid-Direttiva.

Minbarra dawn it-tliet kriterji applikabbli b’mod kumulattiv, l-Artikolu 12 tad-Direttiva jżid kriterju relatat mat-tendenza ta’ kontenitur tal-ikel li jintrema bl-addoċċ, minħabba l-volum jew il-qies tiegħu, b’mod partikolari dawk ta’ porzjon wieħed. Filwaqt li r-referenza għall-kunċett ta’ porzjon wieħed fl-Artikolu 12 tissemma’ bħala element deċiżiv ta’ gwida, l-ebda definizzjoni, u lanqas fehim komuni, ta’ porzjon wieħed ma tingħata fid-Direttiva. Il-Premessa 12 tiddikjara li l-kontenituri li jkun fihom l-ikel f’aktar minn porzjon wieħed jew il-kontenituri tal-ikel b’porzjon wieħed mibjugħa f’aktar minn unità waħda ma għandhomx jitqiesu bħala prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss għall-finijiet ta’ din id-Direttiva. B’mod partikolari, l-eżenzjoni tal-kontenituri tal-ikel b’porzjon wieħed mibjugħa f’aktar minn unità waħda tindika li l-kunċett ta’ porzjon wieħed jista’ jkun relatat ma’ porzjon li tipikament jista’ jiġi kkunsmat minn persuna waħda f’ikla waħda.

Madankollu, il-volum rilevanti u l-qies jistgħu jvarjaw skont il-valur nutrizzjonali tal-oġġetti tal-ikel imqiegħda fihom u d-drawwiet tal-konsum madwar l-Unjoni kollha. Barra minn hekk, fir-rigward tal-kontenituri tax-xorb, limitu ċar tal-volum u tal-qies ta' 3 litri li lil hinn minnu ma tapplikax id-Direttiva, huwa stabbilit fil-Parti C, fil-Parti E, it-Taqsima I, il-punt (3), u fil-Parti G, il-punt (3) tal-Anness tad-Direttiva. Dan il-livell limitu jissuġġerixxi li jitqies rilevanti li jiġi evitat ir-rimi bl-addoċċ ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma proporzjonati b'tali mod li tipikament jiġu kkunsmati f'ikla waħda minn diversi persuni. B'analoġija, l-istess volum huwa ssuġġerit li jintuża bħala l-ogħla livell limitu fir-rigward tal-kontenituri tal-ikel sabiex jiġi ddeterminat jekk porzjon jistax tipikament jiġi kkunsmat f'sessjoni waħda tal-ikel.

4.1.2. *Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi*

It-Tabella 3 tagħti xi eżempji illustrattivi ta' ċerti tipi ta' kontenituri tal-ikel li jistgħu jitqiesu bħala inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew esklużi minnu.

Tabella 3

Applikazzjoni illustrattiva tal-kriterji biex tiġi interpretata d-definizzjoni ta' kontenituri tal-ikel tal-plastik li jintużaw darba biss

Tip ta' kontenitur tal-ikel	Kriterji ġenerali		Kriterji speċifiċi għall-prodott			Inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew eskluż minnu (issodisfar tal-kriterji ġenerali u speċifiċi għall-prodott kollha?)
	Plastik	Jintuża darba biss	Maħsub għal konsum immedjat	Tipikament jiġi kkunsmat mill-kontenitur	Lest biex jiġi kkunsmat mingħajr aktar ħejjija	
Kontenitur tal-ikel tal-plastik li jkun fih ikla sħuna għal wieħed	IVA	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ
Kontenitur tal-ikel tal-plastik li jkun fih ikla kiesħa	IVA	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ
Kontenitur tal-ikel tal-kartun b'kisi bil-plastik minn ġewwa jew minn barra, maħsub biex ikun fih ikla sħuna jew kiesħa	IVA	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ
Kontenitur tal-ikel tal-plastik li jkun fih deżerta	IVA	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ
Kontenitur tal-ikel tal-plastik li jkun fih il-ħxejjex jew il-frott	IVA	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ
Kontenitur tal-ikel tal-plastik li jkun fih ikliet ħfief bħal lewż, crackers	IVA	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ
Kontenitur tal-ikel tal-plastik li jkun fih iz-zlazi u oġġetti tal-ikel għall-ispreads tal-ħobż (eż. mustarda, ketchup jew dips)	IVA	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ
Kontenitur tal-ikel tal-plastik li jkun fih ħxejjex jew frott li ma jkunux jirrikjedu aktar ħejjija	IVA	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ
Kontenitur tal-ikel tal-plastik li jkun fih ikla ffriżata li jeħtieġ ħejjija ulterjuri	IVA	IVA	LE	IVA	LE	ESKLUŻ Tipikament ma jinbigħx bħala take-away; l-oġġett tal-ikel jirrikjedi ħejjija
Kontenitur tal-ġelat magħmul mill-kartun b'kisja bil-plastik minn ġewwa, li minnu l-ikel jiġi tipikament ikkunsmat direttament	IVA	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ
Kaxex tal-ħut, trejs tal-laħam, magħmula mill-plastik li jkun fihom ikel ippakkjat li ma jkunx maħsub għal konsum immedjat, ma jiġix tipikament ikkunsmat mill-kontenitur tal-ikel, u ma jkunx lest biex jiġi kkunsmat mingħajr aktar ħejjija	IVA	IVA	LE	LE	LE	ESKLUŻI l-oġġett tal-ikel jirrikjedi aktar ħejjija u ma jiġix tipikament ikkunsmat mill-kontenitur tal-ikel

Tip ta' kontenitur tal-ikel	Kriterji ġenerali		Kriterji speċifiċi għall-prodott			Inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew eskluż minnu (issodisfar tal-kriterji ġenerali u speċifiċi għall-prodott kollha?)
	Plastik	Jintuża darba biss	Maħsub għal konsum immedjat	Tipikament jiġi kkunsmat mill-kontenitur	Lest biex jiġi kkunsmat mingħajr aktar tħejjija	
Kontenitur tal-ikel tal-plastik li jkun fih ikel imnixxef jew oġġett tal-ikel li jkun jirrikjedi li jitferra' l-ilma sħun fir-reċipjent (eż. noodles, trab tas-sopop)	IVA	IVA	LE	IVA	LE	ESKLUŻ l-oġġett tal-ikel jirrikjedi aktar tħejjija Tipikament ma jinbigħx bħala take-away

4.2. **Pakketti u tgeżwir**

4.2.1. *Deskrizzjoni tal-prodott u kriterji fid-Direttiva*

Il-Parti E, it-Taqsima I, il-punt (2) u l-Parti G, il-punt (2) tal-Anness jiddeskrivu l-pakketti u t-tgeżwir kif ġej: "*Pakketti u tgeżwir magħmula minn materjal flessibbli li fihom jitqiegħed ikel li huwa maħsub għall-konsum immedjat mill-pakkett jew mit-tgeżwir individwali mingħajr l-ebda tħejjija oħra*".

B'kuntrast għall-kontenituri tal-ikel, meta l-Artikolu 12 u l-Premessa 12 jirreferu għall-qies, il-volum, il-porzjonijiet għal wieħed u l-kontenituri tal-ikel b'porzjon wieħed mibjugħa f'aktar minn unità waħda, għall-pakketti u għat-tgeżwir, id-Direttiva ma tirreferix għal kriterji speċifiċi. Filwaqt li ma jissemmiex b'mod espliċitu fid-Direttiva, jista' jiġi konkluż mill-kuntest deskritt fil-Valutazzjoni tal-Impatt ([14]) li għall-pakketti u għat-tgeżwir, il-fattur ewlieni wara r-rimi bl-addoċċ tal-oġġetti fil-baħar huwa l-konsum tal-prodotti tal-ikel li jiġu kkunsmati barra u d-domanda għal aktar konvenjenza. Fid-dawl tal-objettiv tad-Direttiva li jiġi evitat li jintremew bl-addoċċ l-oġġetti tal-plastik li jintużaw darba biss fl-ambjent u l-fatt li l-pakketti u t-tgeżwir huma fost l-oġġetti l-aktar mormija bl-addoċċ, huwa xieraq li jiġi applikat approċċ konsistenti ma' kontenituri tax-xorb oħra koperti bid-Direttiva fir-rigward tal-limitu ta' tliet litri.

L-indikaturi li ġejjin jistgħu jintużaw biex jiġu interpretati u applikati l-kriterji speċifiċi għall-prodott għall-pakketti u għat-tgeżwir (u l-ikel imqiegħed fihom) inklużi fl-Anness:

(1) Kriterju: magħmula minn materjal flessibbli

— L-imballaġġ flessibbli huwa imballaġġ li l-għamla tiegħu tinbidel faċilment, eż. meta jiżdied jew jitneħħa l-oġġett tal-ikel għall-kuntrarju ta' imballaġġ riġidu li l-għamla tiegħu tibqa' l-istess meta jiżdied jew jitneħħa l-oġġett tal-ikel.

— Id-disinn tal-imballaġġ jindika li l-oġġett tal-ikel imqiegħed fihom ikun maħsub għal konsum immedjat wara x-xiri. Pereżempju, pakkett jew tgeżwir jista' jinfetaħ faċilment eż. billi jiċċarrat, jitqatta', jintlewa jew jiġġebbed.

(2) Kriterju: li fihom jitqiegħed ikel li jkun maħsub għal konsum immedjat mill-pakkett jew mit-tgeżwir mingħajr l-ebda tħejjija oħra

— Natura tal-oġġett tal-ikel imqiegħed fihom: oġġetti tal-ikel adattati għal konsum immedjat (eż. ħelu, lewż, ċikkulata, taħam ċirasa, krisps).

— Id-disinn tal-pakkett jew tat-tgeżwir ikun jippermetti l-konsum direttament mill-pakkett jew mit-tgeżwir.

— L-inklużjoni jew it-twaħħil ta' oġġetti bħal frieket, skieken, mgħaref u stikek u/ jew zlazi mal-pakkett jew mat-tgeżwir li jintuża darba biss. Madankollu, in-nuqqas ta' dawn l-oġġetti jenħtieġ li minnu nnifsu ma jeskludix il-prodott mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

— L-oġġett tal-ikel li jkun fil-pakkett jew fit-tgeżwir ikun jista' jiġi kkunsmat mingħajr ebda tħejjija qabel il-konsum bħat-togħlija, il-qali, ix-xiwi, il-ħami, it-tisjir, it-tqegħid fil-microwave, l-ittowstjar, it-tisħin jew l-iffriżar. Ma hemm l-ebda rekwiżit biex jiżdied it-taħwir jew iz-zlazi (dment li dawn ma jiġux ipprovduti flimkien mal-prodott tal-ikel), l-ilma kiesaħ jew l-ilma sħun jew likwidi oħra, inkluż il-ħalib qabel il-konsum tal-oġġett tal-ikel bħal fil-każ taċ-ċereali. Il-ħasil, it-tqaxxir jew it-tqattigħ ta' oġġett tal-ikel ma jitqiesx bħala tħejjija u għalhekk jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, peress li dan jista' jitwettaq faċilment dak il-ħin.

([14]) *Ibid.*

4.2.2. *Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi*

It-Tabella 4 tagħti xi eżempji illustrattivi ta' ċerti tipi ta' pakketti u tgeżwir li jitqiesu bħala inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew esklużi minnu.

Tabella 4

Eżempji ta' pakketti u tgeżwir

Tip ta' pakkett jew tgeżwir	Kriterji ġenerali		Kriterji speċifiċi għall-prodott		Inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew eskluż minnu (issodisfar tal-kriterji ġenerali u speċifiċi għall-prodott kollha?)
	Plastik	Jintuża darba biss	Magħmul minn materjal flessibbli	Maħsub għal konsum immedjat mill-pakkett jew mit-tgeżwir mingħajr l-ebda ħejjija oħra	
Pakkett jew tgeżwir li jkun fih ikel għal konsum immedjat (eż. gallettini, lewż, krisps, popcorn, ħelu, ċikkulata, prodotti tal-forn, prodotti ffriżati) mibjugħa minn unità waħda	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ
Pakkett jew tgeżwir li jkun fih ikel għal konsum immedjat mill-pakkett jew mit-tgeżwir mingħajr l-ebda ħejjija oħra (eż. krisps, ħelu, ċikkulata, prodotti tal-forn, prodotti ffriżati) mibjugħa f'unità waħda jew aktar (jiġifieri f'reċipjent b'pakketti multipli)	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ
Pakkett li jkun fih diversi porzjonijiet tal-ikel għal konsum immedjat mill-pakkett u li ma jkunux imgeżwra individwalment (eż. prodotti tal-forn, gallettini, ħelu, chewing gum, krisps)	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ
Tgeżwir għas-sandwiches	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ
Pakkett li jkun fih kondiment/ zalza	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ
Pakkett li jkun fih ċereali xott għall-kolazzjon	IVA	IVA	IVA	LE	ESKLUŻ l-oġġett tal-ikel mhuwiex maħsub għal konsum immedjat mill-pakkett; il-ħalib tipikament jiżdied qabel il-konsum u barra mill-pakkett

Tip ta' pakkett jew tgeżwir	Kriterji ġenerali		Kriterji speċifiċi għall-prodott		Inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew eskluż minnu (issodisfar tal-kriterji ġenerali u speċifiċi għall-prodott kollha?)
	Plastik	Jintuża darba biss	Magħmul minn materjal flessibbli	Maħsub għal konsum immedjat mill-pakkett jew mit-tgeżwir mingħajr l-ebda tħejjija oħra	
Pakkett li jkun fih ikel frisk/ imnixxef li jkun jirrikjedi aktar tħejjija (eż. ħassa kkaboċċjata sħiħa, għaġin mhux imsajjar, għads mhux imsajjar)	IVA	IVA	IVA	LE	ESKLUŻ L-oġġett tal-ikel tipikament ma jiġix ikkunsmat direttament mill-pakkett jew mit-tgeżwir; L-oġġett tal-ikel tipikament jitħejja aktar qabel il-konsum
Pakkett tal-weraq tal-insalata mqatta' li ma jkun jirrikjedi l-ebda tħejjija oħra qabel il-konsum immedjat	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ

4.3. **Pożati, platti, straws u ħawwada**

4.3.1. *Deskrizzjonijiet tal-prodott fid-Direttiva*

Il-pożati, il-platti, l-istraws, u l-ħawwada huma indirizzati fl-Artikolu 5 tad-Direttiva iżda mhumiex iddefiniti fid-Direttiva. Il-Parti B tal-Anness tad-Direttiva tipprovdi gwida speċifika għall-prodott biss dwar id-definizzjoni ta' pożati, jiġifieri, il-Parti B, il-punt (2) tal-Anness jipprevedi li l-frieket, is-skieken, l-imgħaref, u ċ-chopsticks huma inklużi fid-definizzjoni ta' pożati.

Meta jitqiegħdu fis-suq, dawn l-oġġetti jiġu primarjament inklużi fil-kodiċi tal-Vokabularju Komuni tal-Akkwist (CPV, Common Procurement Vocabulary) li ġej ([15]): Fornimenti għall-ikel li jintużaw darba biss (39222100-5) u Pożati u platti li jintużaw darba biss (39222110-8).

Il-pożati, il-platti, l-istraws, u l-ħawwada li jsiru kompletament minn polimeri naturali, u li ma jkunux ġew modifikati kimikament, jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Skont il-Parti B, il-punt (4) tal-Anness, l-istraws li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE ([16]) jew tad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE ([17]) bħala apparati mediċi, huma eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ([18]).

([15]) Il-Vokabularju Komuni tal-Akkwist jistabbilixxi sistema ta' klassifikazzjoni unika għall-akkwist pubbliku bil-għan li jiġu standardizzati r-referenzi użati mill-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti biex jiddeskrivu l-kuntratti ta' akkwist disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/growth/single-market/public-procurement/digital/common-vocabulary_en.

([16]) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE tal-20 ta' Ġunju 1990 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f'xi parti tal-ġisem (ĠU L 189, 20.7.1990, p. 17–36).

([17]) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi (ĠU L 169, 12.7.1993, p. 1–43).

([18]) Sat-3 ta' Lulju 2021, li hija l-iskadenza tat-traspożizzjoni għall-maġġoranza tar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2019/904, id-Direttivi 90/385/KEE u 93/42/KEE mhux se jibqgħu japplikaw. Mis-26 ta' Mejju 2021, it-tqegħid fis-suq tal-apparati mediċi se jiġi rregolat mir-Regolament (UE) 2017/745 dwar apparati mediċi.

Il-Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE ([19]) tipprovdi linji gwida dwar il-klassifikazzjoni tal-apparati mediċi ([20]) għall-finijiet ta' valutazzjoni tar-riskju. F'dawn il-linji gwida ma jingħata l-ebda eżempju speċifiku ta' straws użati bħala apparati mediċi. Madankollu, id-definizzjoni speċifika ta' apparat mediku mid-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE u mid-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tinkludi oġġetti użati speċifikament għal serħan minn jew kumpens għal korriment jew diżabbiltà. L-istraws tal-plastik, jekk jitqiesu bħala apparati mediċi, iridu jkunu maħsuba mill-manifattur biex jintużaw għall-bnedmin għall-fini ta' dijanjożi, prevenzjoni, monitoraġġ, trattament jew serħan mill-mard, jew ta' dijanjożi, monitoraġġ, trattament, serħan minn jew kumpens għal korriment jew diżabbiltà, u jridu jiġu mmarkati CE skont id-Direttiva 93/42/KE bl-istess mod bħal skont ir-Regolament (UE) 2017/745 ([21]).

4.3.2. *Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi*

It-Tabella 5 tagħti xi eżempji ta' pożati, platti, straws, u ħawwada tal-plastik li jintużaw darba biss li jitqiesu bħala inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew esklużi minnu.

([19]) DĠ Saħħa u Konsumaturi, 2010. Apparati Mediċi: Dokument ta' gwida - Klassifikazzjoni tal-apparati mediċi - MEDDEV 2.4/1 rev.9 disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/10337/attachments/1/translations.

([20]) Kemm id-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE jiddefinixxu apparat mediku kif ġej: *"'mezz mediku'" jfisser kull strument, mezz, għodda, software, materjal jew artiklu ieħor, sew jekk użat waħdu jew f'kombinazzjoni, inkluż is-software maħsub minn dak li jimmanifatturah biex jintuża speċifikament għal finijiet dijanjostiċi u/jew għal finijiet terapewtiċi u neċessarju għall-applikazzjoni korretta tiegħu maħsuba minn dak li jimmanifattura sabiex jintuża għal finijiet mediċi fuq il-bnedmin għall-fini ta'*:
— *dijanjożi, prevenzjoni, monitoraġġ, trattament jew mistrieħ mill-mard,*
— *dijanjożi, monitoraġġ, trattament, mistrieħ minn jew il-kumpens għal ferita jew mankament,*
— *investigazzjoni, sostituzzjoni jew modifikazzjoni tal-anatomija jew ta' proċess fiżjoloġiku,*
— *il-kontroll tat-tnissil,*
u li ma jiksibx l-azzjoni prinċipali li għaliha huwa intenzjonat ġewwa jew fuq il-ġisem uman b'mezzi farmakoliġiċi, immunoloġiċi jew metaboliċi, iżda li jista' jiġi megħjun fil-funzjoni tiegħu minn dawn il-mezzi;".

([21]) Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1-175).

Tabella 5

Applikazzjoni illustrattiva tal-kriterji biex tiġi interpretata d-definizzjoni ta' pożati, platti, straws, u ħawwada tal-plastik li jintużaw darba biss

Tipi ta' pożati; platti; straws; ħawwada	Kriterji ġenerali		Kriterji speċifiċi għall-prodott		Inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew eskluż minnu (issodisfar tal-kriterji ġenerali u speċifiċi għall-prodott kollha?)
	Plastik	Jintuża darba biss	Materjal mhux durabbli	Mhijiex apparat mediku	
Pożati, platti, straws, ħawwada li jintużaw darba biss magħmula kompletament mill-plastik	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻI
Pożati, platti, straws, ħawwada li jintużaw darba biss magħmula parzjalment mill-plastik, eż. magħmula l-aktar minn materjal mhux tal-plastik iżda b'kisi bil-plastik minn ġewwa/barra	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻI
Straws tal-plastik li jintużaw darba biss imwaħħla kontenitur tax-xorb/integrati fih	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻI (skont l-Artikolu 5)
Pożati tal-plastik li jintużaw darba biss imwaħħla ma' imballaġġ għall-ikel/integrati fih	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻI (skont l-Artikolu 5)
Pożati, platti, straws, ħawwada li jintużaw darba biss mhux magħmula mill-plastik, eż. ibbażati fuq il-karta jew l-injam mingħajr kisi bil-plastik minn ġewwa/barra	LE	IVA	IVA	IVA	ESKLUŻI: Il-prodott ma fihx plastik
Pożati, platti, straws, ħawwada li jintużaw aktar minn darba mhux magħmula mill-plastik iżda minn materjal durabbli, eż. ċeramika jew metall	LE	LE	LE	IVA	ESKLUŻI: Prodott mhux maħsub biex jintuża darba biss
Pożati, platti, straws, ħawwada tal-plastik durabbli li jintużaw aktar minn darba ddisinjati u mqiegħda fis-suq apposta bl-objettiv li jintużaw aktar minn darba u tipikament meqjusa u użati mill-konsumatur bħala tali	IVA	LE	LE	IVA	ESKLUŻI: Prodott mhux maħsub biex jintuża darba biss
Straws tal-plastik maħsuba biex jintużaw bħala apparat mediku u li jkunu jġorru l-marka CE rispettiva	IVA	IVA	IVA	LE	ESKLUŻI: Prodott maħsub għall-użu bħala apparat mediku

4.4. **Kontenituri tax-xorb, fliexken tax-xorb u tazez għax-xorb (inkluż it-tappijiet, l-għatiet u l-għotjien tagħhom)**

4.4.1. *Deskrizzjonijiet tal-prodott u kriterji fid-Direttiva*

It-Tabella 6 tagħti ħarsa ġenerali lejn il-kriterji tal-prodott relatati mal-kontenituri tax-xorb, mal-fliexken tax-xorb, u mat-tazez għax-xorb, previsti fid-Direttiva.

Tabella 6

Deskrizzjonijiet rilevanti tal-kontenituri tax-xorb; tal-fliexken tax-xorb; u tat-tazez għax-xorb, inkluż it-tappijiet u l-għotjien tagħhom fid-Direttiva

Kontenituri tax-xorb:

Il-Partijiet C u F tal-Anness jiddeskrivu l-kontenituri tax-xorb kif ġej:

"*Kontenituri tax-xorb b'kapaċità sa tliet litri, jiġifieri ir-reċipjenti użati biex ikollhom kontenut ta' likwidu fihom, bħal fliexken tax-xorb inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom u l-imballaġġ imħallat, inklużi t-tappijiet u l-għotjien tiegħu, ta' xorb, iżda mhux:*
(a) *kontenituri tax-xorb tal-ħġieġ jew tal-metall li jkollhom it-tappijiet u l-għotjien magħmula mill-plastik,*
(b) *kontenituri tax-xorb maħsuba u użati għal ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fil-punt (g) tal-Artikolu 2*[(2)]*tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jkun f'forma likwida.*"

Il-Parti E, it-Taqsima I, il-punt (3) u l-Parti G, il-punt (3) tal-Anness jiddeskrivu l-kontenituri tax-xorb kif ġej:

"*Kontenituri tax-xorb b'kapaċità sa tliet litri, jiġifieri r-reċipjenti użati biex ikun fihom likwidu bħal fliexken tax-xorb inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom u l-imballaġġ ta' xorb imħallat inkluż it-tappijiet u l-għotjien tiegħu, iżda mhux kontenituri tax-xorb tal-ħġieġ jew tal-metall li jkollhom it-tappijiet u l-għotjien magħmula mill-plastik*".

Il-fliexken tax-xorb jissemmew fil-Parti F tal-Anness, kif ġej:

"*Fliexken tax-xorb b'kapaċità sa tliet litri, inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom, iżda mhux:*
(a) *fliexken tax-xorb tal-ħġieġ jew tal-metall li jkollhom it-tappijiet u l-għotjien magħmula mill-plastik,*
(b) *fliexken tax-xorb maħsuba u użati għal ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fil-punt (g) tal-Artikolu 2*[(2)]*tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 li jkun f'forma likwida.*"

It-tazez għax-xorb huma ddefiniti fil-Parti A, il-punt (1), fil-Parti E, it-Taqsima I, il-punt (4) u fil-Parti G, il-punt (4) tal-Anness tad-Direttiva bħala tazez għax-xorb, inkluż it-tappijiet u l-għotjien tagħhom. Barra minn hekk, il-Parti D(4) tal-Anness tirreferi għat-tazez għax-xorb, iżda mingħajr ma tirreferi għat-tappijiet u l-għotjien.

Iż-żewġ deskritturi ewlenin li ġejjin jintużaw biex jiddefinixxu kemm il-kontenituri tax-xorb kif ukoll il-fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss:

(1) kapaċità sa 3 litri, u

(2) reċipjenti użati biex iżommu l-likwidu.

Fil-prinċipju, kontenitur tax-xorb jinbiegħ u jiġi kkunsmat għal prodott li jkun f'forma likwida, u kkunsmat billi jinxtorob. Barra minn hekk, il-Parti C, il-Parti E, it-Taqsima I, il-punt (3), il-Parti G, il-punt (3) u l-Parti F (fliexken tax-xorb biss) tal-Anness jispeċifikaw li l-tappijiet u l-għotjien huma inklużi fid-definizzjoni ta' kontenituri tax-xorb u ta' fliexken tax-xorb. Barra minn hekk, l-imballaġġ imħallat tax-xorb huwa inkluż ukoll fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Fir-rigward tat-tazez għax-xorb, id-Direttiva ma tipprevedix deskrizzjoni, kriterji jew eżempji speċifiċi. Il-Parti A, il-punt (1), il-Parti E, it-Taqsima I, il-punt (4), u l-Parti G, il-punt (4) tal-Anness sempliċiment jispeċifikaw li t-tappijiet u l-għotjien għandhom jiġu inklużi wkoll f'din il-kategorija ta' prodotti. Eżempji ta' xorb skont il-Premessa 12 tad-Direttiva jinkludu l-birra, l-inbid, l-ilma, ix-xarbiet ħfief, il-meraq u n-nektars, ix-xorb solubbli jew il-ħalib ([22]). Fit-taqsima 4.5.1. ta' dan id-dokument jingħataw aktar kjarifiki fir-rigward tad-definizzjoni ta' xarba (jiġifieri likwidu li jiġi inġestit/ikkunsmat billi jinxtorob). Jenħtieġ li jiġi indikat li t-tazez għax-xorb użati biex iżommu likwidu li jkun jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti hawn fuq, li jinbiegħu vojta, huma koperti wkoll bid-Direttiva.

([22]) Filwaqt li l-Premessa 12 tagħti eżempji ta' xorb għall-kontenituri tax-xorb u għall-fliexken tax-xorb biss, l-istess eżempji huma rilevanti wkoll għad-definizzjoni ta' "xarba" fil-kuntest tat-tazez għax-xorb.

4.4.2. *Tappijiet, għotjien u għatiet*

Id-Direttiva tirreferi għat-tappijiet u l-għotjien bħala għeluq għall-kontenituri tax-xorb u għall-fliexken tax-xorb, filwaqt li għat-tazez għax-xorb, id-Direttiva tirreferi għall-għotjien u t-tappijiet.

It-tappijiet, l-għotjien u l-għatiet jagħlqu l-kontenituri tax-xorb bl-objettiv li jinżamm il-kontenut tagħhom. Dawn jintużaw flimkien ma' kontenituri tax-xorb, fliexken tax-xorb, u tazez għax-xorb biex jiġi żgurat li l-prodott likwidu mqiegħed fihom ma jfurx u jkun jista' jiġi ttrasportat. La d-Direttiva u lanqas kwalunkwe leġiżlazzjoni tal-UE jew standard tekniku eżistenti ma jagħtu definizzjoni ċara. Madankollu, tista' tintuża l-gwida li ġejja biex dawn jiġu ddefiniti:

— Tappijiet: għeluq li jitwaħħal fuq il-kontenituri tax-xorb jew il-fliexken tax-xorb, pereżempju, sabiex tiġi evitata t-tnixxija tal-likwidu mqiegħed fihom (anke wara li pereżempju jkun tneħħa għatu) u sabiex ikun jista' jsir trasport sikur. Bħalissa t-tappijiet huma tipikament tat-tip bil-kamin li jdur jew bil-kamin li jfaqqa'. It-tappijiet bil-kamin li jdur jistgħu jkunu ċatti minn fuq, li hija l-aktar forma komuni, jew ikunu l-bażi għal eż. żennuna tax-xorb ġeneralment imsejħa tapp tal-isport. It-tappijiet tal-isport jistgħu min-naħa tagħhom ikunu jew tat-tip b'xater push-pull jew tat-tip flip-top li min-natura tagħhom huma ddisinjati biex jibqgħu mwaħħla mal-kontenitur tax-xorb. Dan it-tip ta' tapp spiss jinkludi karatteristika li turi sinjali ta' tbagħbis.

— Għotjien: materjal tal-plastik jew kompożitu li jinkludi riti tal-plastik issiġillati fuq il-kontenituri tax-xorb, il-fliexken tax-xorb u t-tazez għax-xorb. Dawn jistgħu jitqaxxru jew jitqattgħu. Ladarba dan l-għatu jitneħħa mal-ewwel ftuħ minn konsumatur, ma jistax jitqiegħed lura fuq il-prodott. L-għotjien jistgħu jirreferu wkoll għal ċerti tappijiet b'dijametru akbar jew mhux tondi.



— Għatiet: L-għeluq użat fuq it-tazez għax-xorb li jipproteġi l-likwidu mqiegħed fih iżda ġeneralment ma jipprovdix siġill sħiħ. Dawn jistgħu jerġgħu jitqiegħdu fuq il-prodott wara li jkunu tneħħew mingħajr ma jitilfu l-funzjoni ta' għeluq tagħhom. Xi għatiet jista' jkollhom karatteristika li turi sinjali ta' tbagħbis, li titqies bħala parti mill-assemblaġġ tal-għeluq.


Fit-Tabella 7 jingħataw eżempji illustrattivi ta' tappijiet u għotjien għall-kontenituri tax-xorb u għall-fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss u jekk dawn jitqisux bħala inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżit li dawn jibqgħu mwaħħla, stabbilit fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva, jew esklużi minnu.

Tabella 7

Eżempji illustrattivi ta' tipi differenti ta' tappijiet, għotjien u għatiet

Tip ta' tappijiet, għotjien u għatiet	Inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) jew esklużi minnu (rekwiżit li t-tappijiet u l-għotjien jibqgħu mwaħħla)
Tappijiet magħmula mill-plastik, użati flimkien ma' fliexken tax-xorb (illustrazzjoni) u ma' kraten tax-xorb (l-ebda illustrazzjoni) tal-plastik li jintużaw darba biss 	INKLUŻI
Tappijiet tal-isport magħmula mill-plastik, użati flimkien ma' fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss 	INKLUŻI

Tip ta' tappijiet, għotjien u għatiet	Inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) jew esklużi minnu (rekwiżit li t-tappijiet u l-għotjien jibqgħu mwaħħla)
Tappijiet magħmula mill-plastik, użati flimkien ma' boroż tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss 	INKLUŻI
Tappijiet flip-top għall-kontenituri tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss  	INKLUŻI
Tapp tal-plastik b'siġill tal-plastik separat użat flimkien ma' kontenitur tax-xorb tal-plastik li jintuża darba biss 	INKLUŻ
Tapp tal-aluminju "roll on pilfer proof" b'siġill tal-plastik u bi strixxa tal-plastik li turi sinjali ta' tbagħbis użat flimkien ma' kontenituri tax-xorb u ma' fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss 	ESKLUŻ It-tappijiet jew l-għotjien tal-metall b'siġilli tal-plastik ma għandhomx jitqiesu bħala magħmula mill-plastik skont l-Artikolu 6(2) u għalhekk mhumiex soġġetti għar-rekwiżit tal-Artikolu 6(1).
Tappijiet b'pull ring b'siġill tal-plastik u b'pull tab tal-plastik użati flimkien ma' kontenituri tax-xorb u ma' fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss 	ESKLUŻI It-tappijiet jew l-għotjien tal-metall b'siġilli tal-plastik ma għandhomx jitqiesu bħala magħmula mill-plastik skont l-Artikolu 6(2) u għalhekk mhumiex soġġetti għar-rekwiżit tal-Artikolu 6(1).
Għatu tal-fojl tal-aluminju ssiġillat fuq kontenitur tax-xorb tal-plastik li jintuża darba biss 	ESKLUŻ It-tappijiet jew l-għotjien tal-metall b'siġilli tal-plastik ma għandhomx jitqiesu bħala magħmula mill-plastik skont l-Artikolu 6(2) u għalhekk mhumiex soġġetti għar-rekwiżit tal-Artikolu 6(1).

Tip ta' tappijiet, għotjien u għatiet	Inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) jew esklużi minnu (rekwiżit li t-tappijiet u l-għotjien jibqgħu mwaħħla)
Tapp tal-plastik użat flimkien ma' għatu tal-fojl tal-aluminju ssiġillat fuq kontenitur tax-xorb tal-plastik li jintuża darba biss 	PARZJALMENT INKLUŻ It-tapp tal-plastik huwa soġġett għar-rekwiżiti tal-Artikolu 6(1). L-għatu tal-fojl tal-aluminju ma għandux jitqies bħala magħmul mill-plastik skont l-Artikolu 6(2) u għalhekk mhux soġġett għar-rekwiżit tal-Artikolu 6(1).

4.4.3. *Eżenzjonijiet speċifiċi għall-prodott*

Il-Parti C, il-punt (a), il-Parti E, it-Taqsima I, il-punt (3), il-Parti F, il-punt (a), il-Parti G, il-punt (3) tal-Anness tad-Direttiva jeskludu b'mod espliċitu l-kontenituri tax-xorb tal-ħġieġ jew tal-metall li jkollhom tappijiet u għotjien magħmula mill-plastik, mir-rekwiżiti tad-Direttiva applikabbli għall-kontenituri tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss.

Il-kontenituri tax-xorb u l-fliexken tax-xorb użati għall-ikel għal finijiet mediċi speċjali kif iddefinit fl-Artikolu 2(2), il-punt (g) tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([23]) li jkun f'forma likwida huma eżentati mill-Artikolu 6 skont il-Parti C, il-punt (b) u l-Parti F, il-punt (b) tal-Anness.

Il-volum u l-qies tal-prodott huma rilevanti wkoll. Il-kontenituri tax-xorb u l-fliexken tax-xorb bil-kapaċità ta' aktar minn 3 litri se jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Id-Direttiva ma tistabbilixxix limitu speċifiku dwar il-volum jew il-qies tat-tazez għax-xorb. Filwaqt li ma jissemmiex b'mod espliċitu fid-Direttiva, jista' jiġi konkluż mill-kuntest deskritt fil-Valutazzjoni tal-Impatt ([24]) li għat-tazez għax-xorb, il-fattur ewlieni għar-rimi bl-addoċċ ta' dawn l-oġġetti fil-baħar huwa l-konsum tal-prodotti tal-ikel u tax-xorb li jiġu kkunsmati barra u d-domanda għal aktar konvenjenza. Fid-dawl tal-objettiv tad-Direttiva li jiġi evitat li jintremew bl-addoċċ l-oġġetti tal-plastik li jintużaw darba biss fl-ambjent u l-fatt li t-tazez għax-xorb huma fost l-oġġetti l-aktar mormija bl-addoċċ, huwa xieraq li jiġi applikat approċċ konsistenti ma' kontenituri tax-xorb oħra koperti bid-Direttiva fir-rigward tal-limitu ta' tliet litri.

4.4.4. *Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi*

It-tabelli ta' hawn taħt jipprovdu lista mhux eżawrjenti ta' eżempji biex juru kif il-kontenituri tax-xorb, il-fliexken tax-xorb, u t-tazez għax-xorb differenti jistgħu jiġu vvalutati abbażi tal-kriterji u tal-indikaturi pprovduti hawn fuq u jekk dawn jitqisux bħala inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew esklużi minnu.

([23]) Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35).

([24]) SWD(2018) 254 final, il-Parti 1/3, p. 25.

Tabella 8

Eżempji illustrattivi ta' kontenituri tax-xorb u ta' fliexken tax-xorb

Tipi ta' kontenituri tax-xorb u ta' fliexken tax-xorb	Kriterji ġenerali		Kriterji speċifiċi għall-prodott		Inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew eskluż minnu (issodisfar tal-kriterji ġenerali u speċifiċi għall-prodott kollha?)
	Plastik	Jintuża darba biss	Kapaċità	Kontenitur tal-likwidi	
Boroż (kompletament tal-plastik jew b'saff tal-plastik, sa 3 litri)	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻI (Kontenitur tax-Xorb)
Fliexken tal-plastik (sa 3 litri)	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻI (Flixkun tax-Xorb)
Kontenitur tal-plastik b'porzjon wieħed ta' ħalib jew krema (eż. għall-kafè jew għat-te)	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ (Kontenitur tax-Xorb)
Kartuna mħallta tax-xorb (sa 3 litri)	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻA (Kontenitur tax-Xorb)
Kontenitur tax-xorb tal-plastik flessibbli (sa 3 litri) f'kaxxa tal-kartun separabbli bl-idejn	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ (Kontenitur tax-Xorb)
Flixkun tal-ilma tal-plastik ta' aktar minn 3 litri	IVA	LE	LE	IVA	ESKLUŻ Il-kapaċità hija ta' aktar minn 3 litri
Fliexken tax-xorb tal-plastik li jistgħu jerġgħu jintużaw u li jistgħu jerġgħu jimtlew f'każ li jiġu ddisinjati u mqiegħda fis-suq għal dan l-iskop u tipikament meqjusa u użati mill-konsumatur bħala tali	IVA	LE	IVA	IVA	ESKLUŻI Flixkun li jista' jerġa' jintuża
Kontenitur tax-xorb tal-plastik f'biċċa waħda b'għeluq break-off iffurmat	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ (Kontenitur tax-Xorb)

Tabella 9

Eżempji illustrattivi ta' tazez għax-xorb

Tip ta' tazez għax-xorb	Kriterji ġenerali		Kriterji speċifiċi għall-prodott	Inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew eskluż minnu (issodisfar tal-kriterji ġenerali u speċifiċi għall-prodott kollha?)
	Plastik	Jintuża darba biss	Mimlija jew maħsuba biex jimtlew b'xarba	
Tazez għax-xorb kiesaħ magħmula minn 100 % plastik (bl-għata jew bl-għatu jew mingħajru)	IVA	IVA	IVA	INKLUŻI (TAZZA għax-XORB)
Tazez ibbażati fuq il-karta mimlija minn qabel b'kisi bil-plastik minn ġewwa jew minn barra għax-xorb (normalment kiesaħ) (bl-għata jew bl-għatu jew mingħajru)	IVA	IVA	IVA	INKLUŻI (TAZZA għax-XORB)
Tazez mibjugħa fi ħwienet tal-bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa magħmula minn 100 % plastik għax-xorb li jkun fih il-meraq jew l-alkoħol	IVA	IVA	IVA	INKLUŻI (TAZZA għax-XORB)
Tazez vojta magħmula minn 100 % plastik u tazez vojta bbażati fuq il-karta b'kisi bil-plastik minn ġewwa jew minn barra għax-xorb sħun jew kiesaħ (bl-għata jew bl-għatu jew mingħajru)	IVA	IVA	IVA	INKLUŻI (TAZZA għax-XORB)
Tazez ibbażati fuq il-karta b'kisi bil-plastik minn ġewwa jew minn barra mibjugħa fi ħwienet tal-bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa	IVA	IVA	IVA	INKLUŻI (TAZZA għax-XORB)
Tazez ibbażati fuq il-karta b'kisi bil-plastik b'bażi bijoloġika jew bijodegradabbli minn ġewwa jew minn barra mibjugħa fi ħwienet tal-bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa	IVA	IVA	IVA	INKLUŻI (TAZZA għax-XORB)
Tazez tal-plastik li jistgħu jintużaw mill-ġdid mibjugħa bħala parti minn skemi ta' mili mill-ġdid	IVA	LE	IVA	ESKLUŻI It-tazza tista' terġa' tintuża (parti minn sistema ta' mili mill-ġdid)
Tazza tal-plastik bi trab tax-xorb solubbli li għalih tkun meħtieġa ż-żieda ta' eż. ħalib jew ilma qabel ma l-prodott ikun jista' jiġi kkunsmat	IVA	IVA	IVA	INKLUŻA (TAZZA għax-XORB)
Tazza tal-plastik bi trab tas-sopop solubbli li għalih tkun meħtieġa ż-żieda ta' eż. ilma qabel ma l-prodott ikun jista' jiġi kkunsmat	IVA	IVA	LE	ESKLUŻA It-tazza hija maħsuba biex tintuża għat-tħejjija ta' soppa, li mhijiex xarba skont id-Direttiva

Tip ta' tazez għax-xorb	Kriterji ġenerali		Kriterji speċifiċi għall-prodott	Inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew eskluż minnu (issodisfar tal-kriterji ġenerali u speċifiċi għall-prodott kollha?)
	Plastik	Jintuża darba biss	Mimlija jew maħsuba biex jimtlew b'xarba	
Tazez tax-xorb li jistgħu jerġgħu jintużaw mibjugħa fi ħwienet tal-bejgħ bl-imnut għal diversi użi f'każ li jiġu ddisinjati u mqiegħda fis-suq għal dan l-iskop u tipikament meqjusa u użati mill-konsumatur bħala tali	IVA	LE	IVA	ESKLUŻI It-tazza tista' terġa' tintuża
Tazez li jistgħu jerġgħu jimtlew mibjugħa fi ħwienet tal-bejgħ bl-imnut għal diversi użi	IVA	LE	IVA	ESKLUŻI It-tazza tista' terġa' tintuża

4.5. **Differenzjazzjoni bejn ċerti kategoriji ta' prodotti (relatati)**

Il-Parti A, il-punt (2), il-Parti E, it-Taqsima I, il-punt (1), u l-Parti G, il-punt (1) tal-Anness tad-Direttiva jeskludu l-konteni turi tax-xorb, il-platti, il-pakketti u t-tgeżwir li jkun fihom ikel minn prodotti li għandhom jitqiesu bħala konteni turi tal-ikel tal-plastik li jintużaw darba biss għall-fini tad-Direttiva. F'xi każijiet, l-għamla tal-imballaġġ tista' tqajjem dubji dwar jekk il-prodott ikunx kontenitur tal-ikel, jew kontenitur tax-xorb, jew anke tip ieħor ta' imballaġġ kopert bid-Direttiva, bħal pakketti, tgeżwir, tazez għax-xorb jew platti.

It-taqsimiet ta' hawn taħt jipprovdu aktar gwida għad-differenzjazzjoni bejn kategoriji ta' prodotti differenti iżda relatati.

4.5.1. *Elementi ewlenin biex issir distinzjoni bejn il-konteni turi tal-ikel u l-konteni turi tax-xorb*

Il-pass ewlieni fid-distinzjoni tal-konteni turi tal-ikel mill-konteni turi tax-xorb, mill-fliexken tax-xorb, u mit-tazez għax-xorb, huwa li jiġi stabbilit jekk ir-reċipjent ikunx fih prodott tal-ikel jew tax-xorb. Għandhom jintużaw il-kriterji li ġejjin għad-distinzjoni bejn ikel (imsejjaħ ukoll oġġett tal-ikel) u xarba:

— Il-mod tal-konsum u l-konsistenza tal-prodott li jkun f'reċipjent għandhom rwol deċiżiv fid-distinzjoni bejn il-konteni turi tal-ikel u l-konteni turi tax-xorb, il-fliexken tax-xorb u t-tazez għax-xorb. Fir-rigward tal-ikel, il-Premessa 12 tad-Direttiva tagħti eżempji mhux eżawrjenti ta' oġġett tal-ikel, jiġifieri wrap, insalati, frott, ħxejjex u dežerti. Prodott tax-xorb jinbiegħ u jiġi kkunsmat f'forma likwida, u jista' jiġi kkunsmat billi jinxtorob. Eżempji ta' konteni turi tax-xorb previsti fil-Premessa 12 jinkludu l-imballaġġ tal-birra, tal-inbid, tal-ilma, tax-xarbiet ħfief, tal-meraq u tan-nektars, tax-xorb solubbli u tal-ħalib.

— L-unità li fiha tiġi espressa l-kwantità tal-prodott tal-ikel jew tax-xorb. B'mod ġenerali, ix-xorb jiġi espress f'volum (eż. millilitri) u l-ikel ġeneralment f'piż (eż. grammi). F'xi każijiet, madankollu, il-kwantità tal-oġġett tal-ikel jew tax-xorb mhux dejjem tiġi indikata fuq ir-reċipjent, b'mod partikolari għal dawk li jimtlew fil-punt tal-bejgħ.

— Il-karatteristiċi tad-disinn tal-kontenitur jistgħu jkunu speċifiċi għall-kontenut. Pereżempju, l-għamla tal-kontenitur u jekk l-oġġett tal-ikel imqiegħed fih jirrikjedix pożati jew le biex jiġi kkunsmat jindikaw jekk il-prodott ikunx maħsub biex jiġi kkunsmat billi jinxtorob jew jittiekel.

Peress li l-Premessa 12 tirreferi speċifikament għall-fliexken tal-ħalib bħala kontenitur tax-xorb, jenħtieġ li l-ħalib jitqies ukoll bħala xarba għall-finijiet tad-Direttiva. Dan huwa konformi mal-kriterji ġenerali dwar il-konsum mix-xorb, id-densità u l-viskożità (likwida) tiegħu u t-tip ta' reċipjent, li għall-ħalib ikun simili għal dak ta' xorb ieħor.

Ċertu ikel, bħas-sopop, il-jogurts (dment li ma jkunux jistgħu jinxtorbu) u l-purejiet tal-frott, jenħtieġ li ma jiġux ikklassifikati bħala xorb għall-finijiet tad-Direttiva, peress li dawn tipikament ma jiġux ikkunsmati billi jinxtorbu u l-pożati tipikament jintużaw għall-konsum tagħhom, li jiddistingwihom mill-prodotti tax-xorb.

Ċerti prodotti f'forma likwida, anke meta jkunu jistgħu jinxtorbu (eż. il-ħall, it-toppings likwidi, iz-zalza tas-sojja, il-meraq tal-lumi, iż-żjut li jittieklu, il-prodotti li jirrikjedu dilwizzjoni qabel il-konsum bħax-xarbiet ħelwin, l-isquashes, il-ġulepp jew il-konċentrati) ma jiġux ikkunsmati direttament mill-kontenitur jew ikunu jirrikjedu aktar dilwizzjoni qabel ma jkunu jistgħu jinxtorbu. Għal dik ir-raġuni, dawn ma jikkwalifikawx bħala xorb skont id-Direttiva, peress li dawn ma jiġux ikkunsmati u inġestiti billi jinxtorbu.

It-tabella ta' hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali lejn l-indikaturi ta' gwida, bħall-użu maħsub u l-għamla u l-forma tar-reċipjent, inkluż eżempji illustrattivi biex jgħinu fid-distinzjoni tal-kontenituri tal-ikel mill-kontenituri tax-xorb.

Tabella 10

Eżempji illustrattivi biex issir distinzjoni bejn il-kontenituri tal-ikel u l-kontenituri tax-xorb

Borża tal-plastik b'diversi saffi li jkun fiha l-puré tal-frott (150 ml)		Borża tal-plastik b'diversi saffi li jkun fiha l-meraq tal-frott (150 ml)	
Kontenitur tal-plastik li jkun fih il-jogurt (100 g)		Kontenitur tal-plastik li jkun fih jogurt li jista' jinxtorob (150 ml)	
		Kartuna tal-ħalib (500 ml)	

4.5.2. *Elementi ewlenin biex il-kontenituri tal-ikel jintgħarfu mit-tazez għax-xorb*

Fir-rigward tat-tazez għax-xorb, minbarra li jiġi ddeterminat jekk il-prodott imqieghed fihom ikunx ikel jew xarba, għandha tingħata gwida dwar kif għandhom jitqiesu t-tazez li jitqiegħdu fis-suq vojta mill-manifatturi iżda li jkunu jistgħu jimtlew mill-bejjiegħa bl-imnut kemm bi prodotti tal-ikel kif ukoll tax-xorb. Eżempju ta' dan it-tip ta' tazza jingħata fl-illustrazzjoni ta' hawn taħt.

L-użu maħsub tat-tazez tal-plastik għax-xorb li jintużaw darba biss u jekk dawn ikunux maħsuba għall-ikel jew għax-xorb huwa tipikament magħruf mid-distributur inizjali jew minn min jimla t-tazez. Jekk fiż-żmien tat-tqegħid fis-suq ma jkunx ċar jekk prodott ikunx tazza tax-xorb jew kontenitur tal-ikel, kif jista' jkun il-każ għal ċerti kontenituri mibjugħa fi ħwienet tal-bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa, il-manifattur irid jikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva għaż-żewġ tipi ta' prodotti. Pereżempju, il-prodott irid jiġi ttikkettat f'konformità mal-Artikolu 7, biex tiġi żgurata l-konformità mad-Direttiva.

Illustrazzjoni 1

Kontenituri mibjugħa fi ħwienet tal-bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa



4.5.3. *Elementi ewlenin biex issir distinzjoni bejn il-konteniturі tax-xorb, il-fliexken tax-xorb u t-tazez għax-xorb*

Id-Direttiva ma tagħmilx distinzjoni ċara bejn il-konteniturі tax-xorb, il-fliexken tax-xorb (subkategorija tal-konteniturі tax-xorb) u t-tazez għax-xorb (li ma jikkostitwux konteniturі tax-xorb). Madankollu, jistgħu jsiru l-karatteristiċi ġeneriċi li ġejjin rilevanti għal din id-Direttiva:

— F'konformità mal-Parti C, mal-Parti E, it-Taqsima I, il-punt (3) u mal-Parti G, il-punt (3) tal-Anness, il-konteniturі tax-xorb huma"*reċipjenti b'kapaċità sa tliet litri, inkluż it-tappijiet u l-għotjien tagħhom, użati biex iżommu x-xorb*". Il-Premessa 12 tindika wkoll li l-imballaġġ kompożitu tax-xorb għandu jitqies bħala kontenitur tax-xorb, mhux bħala flixkun tax-xorb.


— Il-fliexken tax-xorb huma konteniturі tax-xorb b'għonq jew b'ħalq dejjaq u b'kapaċità sa 3 litri, inkluż it-tappijiet u l-għotjien tagħhom, użati biex iżommu x-xorb, esklużl-imballaġġ kompożitu tax-xorb, skont id-differenzjazzjoni li ssir fid-Direttiva mal-konteniturі tax-xorb.

— It-tazez għax-xorb huma tipikament tondi, normalment reċipjenti tax-xorb f'forma ta' skutella b'għata jew b'għatu jew mingħajru, mibjugħa vojta jew bix-xorb ([25]). Kif spjegat ukoll fil-Premessa 12, it-tazez għax-xorb huma kategorija separata ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss għall-finijiet tad-Direttiva.

L-element ewlieni għad-distinzjoni bejn it-tliet kategoriji ta' prodotti huwa l-għamla tagħhom. It-tabella ta' hawn taħt tagħti eżempji illustrattivi ta' konteniturі tax-xorb, fliexken tax-xorb, u tazez għax-xorb li jindikaw l-elementi relatati mal-għamla li għandhom jitqiesu għall-klassifikazzjoni ta' dawn il-kategoriji ta' prodotti.

Tabella 11

Eżempji illustrattivi ta' konteniturі tax-xorb, fliexken tax-xorb, u tazez għax-xorb

Konteniturі tax-xorb	Fliexken tax-xorb (parti mill-konteniturі tax-xorb)	Tazez għax-xorb (mhux parti mill-konteniturі tax-xorb)
Reċipjenti b'kapaċità sa 3 litri, użati biex iżommu x-xorb (dan jinkludi wkoll il-fliexken tax-xorb)	Konteniturі tax-xorb riġidi b'għonq jew b'ħalq dejjaq u b'kapaċità sa 3 litri, inkluż it-tappijiet u l-għotjien tagħhom, użati biex iżommu x-xorb	Tipikament tondi, normalment reċipjenti tax-xorb f'forma ta' skutella b'għata jew b'għatu jew mingħajru, mibjugħa vojta jew bix-xorb
		

4.5.4. *Elementi ewlenin biex issir distinzjoni bejn il-konteniturі tal-ikel u l-pakketti u t-tgeżwir*


Id-differenzjazzjoni bejn il-konteniturі tal-ikel u l-pakketti u t-tgeżwir jenħtieġ li tkun ibbażata fuq ir-riġidità tal-kontenitur. Għall-finijiet tad-Direttiva, il-prodotti tal-oġġetti tal-ikel b'imballaġġ riġidu u parzjalment riġidu jenħtieġ li jitqiesu bħala konteniturі tal-ikel, filwaqt li l-prodotti b'materjali tal-imballaġġ flessibbli jenħtieġ li jitqiesu bħala pakketti u tgeżwir.

L-imballaġġ flessibbli jimplika li dan jintlewa faċilment mingħajr ma jinkiser. L-istess kunsiderazzjonijiet japplikaw għall-oġġetti mhux tal-imballaġġ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Xi oġġetti tal-ikel jiġu ppakkjati f'taħlita ta' materjal riġidu u aktar flessibbli (ara l-kolonna tax-xellug fit-12), eż. sandwich f'kontenitur riġidu b'rita fuq naħa waħda jew ċertu frott jew ikel imħejji mibjugħ fi trejs tal-karti u mgħotti minn tgeżwir tal-plastik. F'dawk il-każijiet, il-preżenza ta' materjali riġidi fl-imballaġġ jenħtieġ li tikklassifika l-prodott bħala kontenitur tal-ikel.

([25]) Skont id-dizzjunarju ta' Macmillan.

Tabella 12

Eżempji illustrattivi biex issir distinzjoni bejn il-kontenituri tal-ikel u l-pakketti u t-tgeżwir tal-plastik li jintużaw darba biss

Kontenitur tal-ikel tal-plastik li jintuża darba biss	Pakkett u tgeżwir tal-plastik li jintużaw darba biss
Il-kontenitur ikun magħmul kompletament jew parzjalment minn materjal riġidu li jkun fih il-plastik	Il-kontenitur ikun magħmul minn materjal flessibbli li jkun fih il-plastik
	

4.5.5. *Elementi ewlenin biex il-platti jintgħarfu mill-kontenituri tal-ikel*

Il-Parti A, il-punt (2), il-Parti E, it-Taqsima I, il-punt (1) u l-Parti G, il-punt (1) tal-Anness tad-Direttiva jeskludu l-kontenituri tax-xorb, il-platti, il-pakketti u t-tgeżwir li jkun fihom ikel mill-kategorija ta' prodotti tal-kontenituri tal-ikel għall-fini tad-Direttiva.

Il-platti jirreferu għal dixxijiet li minnhom jittiekel jew jisserva l-ikel, filwaqt li l-kontenituri tal-ikel huma reċipjenti bħal kaxex, b'għata jew mingħajrha, użati biex iżommu l-ikel.

It-tabella hawn taħt tagħti xi eżempji illustrattivi ta' kif issir distinzjoni bejn kontenitur tal-ikel u platt tal-plastik li jintuża darba biss.

Tabella 13

Eżempju illustrattiv biex issir distinzjoni bejn il-kontenituri tal-ikel u l-platti tal-plastik

Kontenitur tal-ikel tal-plastik li jintuża darba biss	Platt tal-plastik li jintuża darba biss
Indikaturi li jindikaw li r-reċipjent ikun kontenitur tal-ikel: — Reċipjenti bħal kaxex mibjugħa b'għatu jew mingħajru — Kapaċi jżomm l-ikel — Jista' jiffaċilita t-trasport tal-ikel — Ir-reċipjent normalment jinbiegħ b'informazzjoni stampata dwar il-kontenut, l-ingredjenti u spiss il-piż tal-prodott 	Indikaturi li jindikaw li r-reċipjent ikun platt: — Dixx mibjugħ mingħajr għatu, irrispettivament minn jekk dan ikunx miksi eż. b'fojl jew b'rita, fil-punt tal-bejgħ — Użat biex jisserva jew jittiekel l-ikel minnu, iżda l-preżenza tal-ikel ma tkunx meħtieġa fil-mument tax-xiri — Filwaqt li fil-biċċa l-kbira jkun ċatt, dan tipikament ikollu perimetru kemxejn iċċanfrinat jew imqabbeż biex iwaqqaf milli l-ikel jitgerbeb jew jinxtered minn fuqu — L-informazzjoni stampata li tinkludi l-kontenut, l-ingredjenti jew il-piż normalment ma tkunx preżenti. 

4.6. **Basktijiet tal-plastik ħfief**

4.6.1. *Deskrizzjoni tal-prodott u kriterji fid-Direttiva*

It-tabella ta' hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali lejn id-deskrizzjonijiet rilevanti fid-Direttiva għall-basktijiet tal-plastik ħfief.

Tabella 14

Deskrizzjonijiet tal-basktijiet tal-plastik ħfief fid-Direttiva

Il-Parti E, it-Taqsima I, il-punt (5) u l-Parti G, il-punt (8) tal-Anness: "*Basktijiet tal-plastik ħfief ħafna kif definiti fil-punt 1c tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 94/62/KE*".
L-Artikolu 3, il-punt (1c) tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ jiddefinixxi l-basktijiet tal-plastik ħfief: "'*basktijiet tal-plastik ħfief ħafna' għandha tfisser basktijiet tal-plastik bi ħxuna ta' inqas minn 50 mikroni*."
Barra minn hekk, l-Artikolu 3, il-punt (1d) tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ jiddefinixxi l-basktijiet tal-plastik ħfief ħafna kif ġej: "'*basktijiet tal-plastik ħfief ħafna' għandha tfisser basktijiet tal-plastik bi ħxuna ta' inqas minn 15 mikroni u li huma meħtieġa għal skopijiet ta' iġjene jew ipprovduti bħala imballaġġ primarju għal ikel sfuż meta dan jgħin il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel*".
It-terminu ġenerali "*basktijiet tal-plastik*" huwa ddefinit fl-Artikolu 3, il-punt (1b) tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ: "'*basktijiet tal-plastik' għandha tfisser basktijiet bil- jew mingħajr widna, magħmula mill-plastik, li huma fornuti lill-konsumaturi fil-punt tal-bejgħ ta' oġġetti jew prodotti*".

Il-kriterji speċifiċi għall-prodott għall-basktijiet tal-plastik ħfief li jintużaw darba biss previsti fl-Anness tad-Direttiva jistgħu jiġu ċċarati abbażi tal-indikaturi li ġejjin:

— Karatteristika tad-disinn tal-prodott: f'konformità mal-Artikolu 3, il-punt (1c) tad-Direttiva 94/62/KE, ħxuna ta' anqas minn 50 mikron tindika li dawn il-basktijiet mhumiex iddisinjati, maħsuba u mqiegħda fis-suq apposta biex jerġgħu jintużaw. Dan il-kriterju jirrifletti kif xieraq l-objettiv tad-Direttiva li jitnaqqas ir-rimi bl-addoċċ (fil-baħar). Kif iddikjarat fil-Premessa 4 tad-Direttiva (UE) 2015/720 ([26]) dawn il-boroż jerġgħu jintużaw b'mod inqas frekwenti minn basktijiet tal-plastik eħxen, jintremew aktar malajr, u huma aktar suxxettibbli li jintremew bl-addoċċ minħabba l-piż ħafif tagħhom.

— Punt tal-bejgħ jew tad-distribuzzjoni: jirreferi għall-punt tal-bejgħ fejn il-prodott jiġi fornut jew iddistribwit lill-konsumatur (kif deskritt fil-punt (1b) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ).

Id-Direttiva tkopri l-basktijiet tal-plastik ħfief kollha. Dan jinkludi boroż tal-plastik ħfief ħafna (dawk bi ħxuna tal-ħajt ta' anqas minn 15-il mikron), li jistgħu jiġu esklużi minn ċerti rekwiżiti tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ.

4.6.2. *Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi*

It-Tabella 15 tagħti eżempji illustrattivi dwar jekk ċerti tipi ta' basktijiet tal-plastik humiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew esklużi minnu.

([26]) Id-Direttiva (UE) 2015/720 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li temenda d-Direttiva 94/62/KE rigward it-tnaqqis tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief (ĠU L 115, 6.5.2015, p. 11–15).

Tabella 15

Eżempji illustrattivi ta' tipi differenti ta' basktijiet tal-plastik

Tip ta' basket tal-plastik	Kriterji ġenerali		Kriterji speċifiċi għall-prodott	Inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew eskluż minnu (issodisfar tal-kriterji ġenerali u speċifiċi għall-prodott kollha?)
	Plastik	Jintuża darba biss	Basket tal-plastik ħafif	
Basket tal-plastik ħafif fornut lill-konsumatur fil-punt bejgħ (ħxuna tal-ħajt ta' anqas minn 50 mikron)	IVA	IVA	IVA	Inkluż
Basket tal-plastik ħafif ħafna fornut lill-konsumatur fil-punt tal-bejgħ (ħxuna tal-ħajt ta' anqas minn 15-il mikron)	IVA	IVA	IVA	Inkluż
Basket tal-plastik eħxen (ħxuna tal-ħajt ta' aktar minn 50 mikron)	IVA	LE	LE	ESKLUŻ Mhumiex basket ħafif u, għalhekk, barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva
Basktijiet għall-ġbir tal-iskart magħmula mill-plastik	IVA	IVA	LE	ESKLUŻ Mhumiex "basket" u, għalhekk, barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva

4.7. **Stikek tal-cotton buds**

4.7.1. *Deskrizzjoni tal-prodott u kriterji fid-Direttiva*

L-istikek tal-cotton buds tal-plastik li jintużaw darba biss jissemmew fil-Parti B, il-punt (1) tal-Anness bħala "*Stikek tal-cotton buds, ħlief jekk dawn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE jew id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE*". Id-Direttiva ma tipprevedix definizzjoni tal-prodott għall-istikek tal-cotton buds.

Stikka tal-cotton buds tipikament tirreferi għal stikka qasira b'ammont żgħir ta' qoton (jew b'tajjara żgħira) f'tarf wieħed jew fiż-żewġ trufijiet tagħha, li spiss tintuża għall-iġjene personali, speċjalment għat-tindif tal-widnejn jew għall-applikazzjoni tal-make-up ([27]). Meta jitqiegħdu fis-suq tal-UE, dawn l-oġġetti jiġu inklużi f'kodiċi tal-Vokabularju Komuni tal-Akkwist (CPV) uniku: Cotton buds 33711410-4.

Il-karatteristiċi tad-disinn tal-prodott li ġejjin jgħinu jiddefinixxu l-istikek tal-cotton buds li jintużaw darba biss għall-finijiet tad-Direttiva:

— Ħxuna tal-istikka: L-istikek tal-cotton buds maħsuba għal finijiet mhux mediċi jew għall-użu minn individwi fid-dar huma tipikament ikkaratterizzati minn stikka qasira, irqiqa u mhux durabbli.

— Buds li ma jistgħux jitnaddfu: Il-kolla użata biex jitwaħħlu b'mod permanenti l-cotton buds li jintużaw darba biss mat-tarf/trufijiet tal-istikka ma tħallihomx jinqalgħu minn mal-istikka waqt l-użu. L-istikek għat-tindif tal-widnejn li jistgħu jinħaslu jew jitnaddfu, u b'hekk jiġi żgurat l-użu mill-ġdid tagħhom, jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

([27]) Cambridge Dictionary. Miksuba minn: https://dictionary.cambridge.org/dictionary/english/cotton-bud?q=cotton+buds.

4.7.2. *Eżenzjonijiet speċifiċi għall-prodott*

Skont il-Parti B, il-punt (1) tal-Anness tad-Direttiva dwar il-Plastik li jintuża darba biss, l-istikek tal-cotton buds li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE jew tad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE bħala apparati mediċi, huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ([28]). Id-definizzjoni ta' apparat mediku mid-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE u mid-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tinkludi oġġetti użati speċifikament għal serħan minn jew kumpens għal korriment jew diżabbiltà. L-istikek tal-cotton buds, jekk jitqiesu bħala apparati mediċi, iridu jkunu maħsuba mill-manifattur biex jintużaw għall-bnedmin għall-fini ta' dijanjożi, prevenzjoni, monitoraġġ, trattament jew serħan mill-mard, jew ta' dijanjożi, monitoraġġ, trattament, serħan minn jew kumpens għal korriment jew diżabbiltà, u jridu jiġu mmarkati CE skont id-Direttiva 93/42/KE bl-istess mod bħal skont ir-Regolament (UE) 2017/745.

Il-Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE dwar Apparati Mediċi tipprovdi linji gwida dwar il-klassifikazzjoni tal-apparati mediċi għall-finijiet ta' valutazzjoni tar-riskju. L-eżempju ta' "*(s)wabs għall-kampjunar tal-effużjonijiet*" inkluż ([29]) f'dawn il-linji gwida jitqies bħala relatat pereżempju ma' "*swabs mediċi*" ([30]).

L-istikek tal-cotton buds maħsuba għall-użu mediku jiġu ddisinjati wkoll biex jintużaw darba biss. Madankollu, dawn normalment jiġu ddisinjati biex jiffaċilitaw speċifikament l-użu ta' tekniki sterili, u ġeneralment ikunu:

— Ittikkettati b'mod ċar għall-użu mediku (eż. "swab mediku");

— Spiss mibjugħa bħala sterili;

— Ikkaratterizzati minn stikka itwal u aktar b'saħħitha;

— B'tarf wieħed;

— Mibjugħa jew iddistribwiti direttament lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa permezz ta' ċirkwiti professjonali (eż. minn negozju għal negozju) eż. swabs ipprovduti jew użati għal finijiet forensiċi, mediċi jew xjentifiċi inkluż: għall-ġbir ta' kampjuni mill-bnedmin jew mill-uċuħ, għal finijiet ta' mikrobijoloġija, ċitoloġija, u ttestjar tad-DNA kliniċi.

4.7.3. *Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi*

It-tabella ta' hawn taħt tagħti eżempji illustrattivi dwar jekk ċerti tipi ta' stikek tal-cotton buds humiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew esklużi minnu.

([28]) Sat-3 ta' Lulju 2021, li hija l-iskadenza tat-traspożizzjoni għall-maġġoranza tar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2019/904, id-Direttivi 90/385/KEE u 93/42/KEE mhux se jibqgħu japplikaw. Mis-26 ta' Mejju 2021, it-tqegħid fis-suq tal-apparati mediċi se jiġi rregolat mir-Regolament (UE) 2017/745 dwar apparati mediċi.

([29]) MEDDEV 2.4/1 rev.9, il-paġna 31: Eżempji previsti għar-"Regola 6 - Apparati invażivi b'mod kirurġiku maħsuba għall-użu temporanju (< 60 minuta)".

([30]) Pirro V, Jarmusch AK, Vincenti M, Cooks RG. Direct drug analysis from oral fluid using medical swab touch spray mass spectrometry. Analytica Chimica Acta. Frar 2015;861:47-54. DOI: 10.1016/j.aca.2015.01.008. http://europepmc.org/article/PMC/4513665 Skont Pirro et al (2015), "L-iswabs mediċi jintużaw ħafna fil-mikrobijoloġija, fiċ-ċitoloġija, u fl-ittestjar tad-DNA kliniċi biex jittieħdu kampjuni tal-ftuħ u tal-uċuħ tal-ġisem. Id-disinn tagħhom huwa speċifiku għal kull applikazzjoni, bl-għamla u bil-materjali xierqa li jintgħażlu għal kull tip ta' applikazzjoni. B'mod komuni, it-tarf tal-iswab ikun magħmul mill-qoton, mir-rejon, jew mill-poliester f'għamliet ta' pinzell, għamla tonda, kwadra jew fuża. L-istikka tista' tkun magħmula mill-plastik, mill-injam, minn karta mrembla jew minn wajer metalliku."

Tabella 16

Eżempji illustrattivi ta' tipi differenti ta' stikek tal-cotton buds

Tip ta' stikka tal-cotton buds	Kriterji ġenerali		Kriterji speċifiċi għall-prodott			Inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew eskluż minnu (issodisfar tal-kriterji ġenerali u speċifiċi għall-prodott kollha?)
	Plastik	Jintuża darba biss	Stikka mhux durabbli	Buds li ma jistgħux jitnaddfu	Mhijiex apparat mediku	
Stikka tal-cotton buds tal-plastik b'żewġ trufijiet	IVA	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻA
Stikka tal-cotton buds mhux tal-plastik	LE	IVA	IVA	IVA	IVA	ESKLUŻA: Il-prodott ma fihx plastik
Swab tal-plastik b'tarf wieħed għall-ġbir ta' kampjuni	IVA	IVA	IVA	IVA	LE	ESKLUŻA: Prodott maħsub għall-użu mediku
Stikka tal-plastik għat-tindif tal-widnejn li tista' terġa' tintuża	IVA	LE	LE	LE	IVA	ESKLUŻA: Prodott maħsub għal diversi użi

4.8. **Bżieżaq u stikek tal-bżieżaq**

4.8.1. *Deskrizzjoni tal-prodott u kriterji fid-Direttiva*

Il-bżieżaq huma indirizzati fl-Artikoli 8 u 10, filwaqt li l-istikek tal-bżieżaq huma soġġetti għall-Artikolu 5 tad-Direttiva, iżda mhumiex iddefiniti bħala tali fid-Direttiva.

It-tabella ta' hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali lejn id-deskrizzjonijiet rilevanti tal-bżieżaq u tal-istikek tal-bżieżaq fid-Direttiva.

Tabella 17

Deskrizzjonijiet tal-bżieżaq u tal-istikek tal-bżieżaq fid-Direttiva

Bżieżaq:
— Il-Parti E, it-Taqsima II, il-punt (2) u l-Parti G, il-punt (7) tal-Anness: "*Bżieżaq, ħlief il-bżieżaq għall-użi u għall-applikazzjonijiet industrijali jew professjonali oħrajn, li mhumiex distribwiti lill-konsumaturi.*"

Stikek tal-bżieżaq:
— Il-punt (6) tal-Parti B tal-Anness: "*Stikek li jitwaħħlu mal-bżieżaq u li jżommuhom, ħlief il-bżieżaq għall-użi u għall-applikazzjonijiet industrijali jew professjonali oħrajn li mhumiex distribwiti lill-konsumaturi, inklużi l-mekkaniżmi tat-tali stikek*".

Il-karatteristiċi ġenerali li ġejjin jistgħu jiġu identifikati sabiex jiġu ddeterminati l-bżieżaq fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva:

— Bużżieqa tipikament tirreferi għal borża mhux poruża ta' materjal ħafif li tkun maħsuba biex tintefaħ bl-arja jew bil-gass. Meta jitqiegħdu fis-suq, dawn l-oġġetti jiġu primarjament inklużi fil-kodiċi CPV li ġej: Bżieżaq u blalen ġugarelli (37525000-4).

— Stikka tal-bżieżaq: F'konformità mal-punt (6) tal-Parti B tal-Anness tad-Direttiva, stikek li jitwaħħlu mal-bżieżaq u jżommuhom.

Kif indikat fil-Premessa 11, il-latex ma jikkwalifikax bħala polimeru naturali mhux modifikat kimikament, u l-bżieżaq tal-latex huma għalhekk koperti bid-Direttiva, minħabba li d-definizzjoni ta' plastiks *"jenħtieġ li (...) tkopri l-oġġetti tal-lasktu b'bażi ta' polimeri*".

Il-karatteristiċi tad-disinn tal-prodott li ġejjin jgħinu jiddefinixxu l-bżieżaq u l-istikek tal-bżieżaq li jintużaw darba biss għall-finijiet tad-Direttiva:

— Siġilli, valvi u mekkaniżmi tal-għeluq: In-nuqqas ta' valv jew ta' siġill li jippermetti tinfiħ u tniżżil għal aktar minn darba. Il-bżieżaq, li jirrikjedu l-applikazzjoni ta' għoqda, spaga jew żigarella mal-għonq sabiex ma taħrabx l-arja, jitilfu l-kwalità jekk jinħallu u jerġgħu jintrabtu. Dawn għalhekk jitqiesu bħala li jintużaw darba biss. Il-bżieżaq iddisinjati biex jintefħu u jitniżżlu permezz ta' valv li jkun jista' (jerġa') jingħalaq, mingħajr ebda telfien fil-kwalità jew fil-funzjonalità bejn l-użi, jitqiesu bħala li jintużaw aktar minn darba.

— Jistgħu jerġgħu jimtlew: Il-bżieżaq mixtrija mimlija lesti bl-arja jew bl-elju jitqiesu li jintużaw darba biss minħabba li l-klijent ma jkunx jista' jerġa' jimlihom. Il-bżieżaq li jimtlew waħedhom (b'mekkaniżmu integrali għall-mili) jitqiesu wkoll bħala li jintużaw darba biss.

4.8.2. *Eżenzjonijiet speċifiċi għall-prodott*

Skont il-Parti E, it-Taqsima II, il-punt (2) u l-Parti G, il-punt (7) tal-Anness, il-bżieżaq għall-użi u għall-applikazzjonijiet industrijali jew professjonali oħra li ma jiġux iddistribwiti lill-konsumaturi jenħtieġ li jiġu esklużi mid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva.

Bl-istess mod, il-Parti B, il-punt (6) tal-Anness jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva l-istikek li għandhom jitwaħħlu mal-bżieżaq u jżommuhom għall-użi u għall-applikazzjonijiet industrijali jew professjonali oħra li ma jiġux iddistribwiti lill-konsumaturi, inkluż il-mekkaniżmi ta' dawn l-istikek.

Il-punt tax-xiri, il-kanal ta' distribuzzjoni u t-tip ta' utent finali huma elementi importanti biex jiġi ddeterminat jekk il-bżieżaq ikunux maħsuba għall-użu domestiku jew professjonali.

Jenħtieġ li l-bżieżaq li ġejjin jitqiesu bħala li jkunu għall-użu industrijali jew professjonali:

— il-bżieżaq u l-istikek li għandhom jitwaħħlu ma' dawk il-bżieżaq biex iżommuhom, li jinbiegħu permezz ta' kanali industrijali jew professjonali, eż. minn negozju għal negozju;

— il-bżieżaq u l-istikek li għandhom jitwaħħlu ma' dawk il-bżieżaq biex iżommuhom għall-użu jew għall-applikazzjonijiet industrijali jew professjonali, eż. riċerka, bżieżaq tat-temp, tiżjin industrijali u professjonali, u li ma jiġux iddistribwiti lill-konsumaturi.

Madankollu, il-bżieżaq u l-istikek li jinbiegħu permezz ta' kanali min-negozju għall-konsumatur jew jiġu ddistribwiti lil konsumaturi privati, eż. bżieżaq u stikek tal-bżieżaq li jistgħu jinxtraw minn konsumaturi individwali f'ħanut jew jiġu ddistribwiti lill-konsumaturi f'avveniment privat, ma jitqisux bħala li jkunu għall-użu jew għall-applikazzjoni professjonali jew industrijali, iżda minflok għall-użu domestiku. Għalhekk, jenħtieġ li dawn il-prodotti jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Barra minn hekk, il-bżieżaq u l-istikek tal-bżieżaq li għalihom, fiż-żmien li dawn jitqiegħdu fis-suq, ma jkunx ċar jekk l-użu maħsub ikunx industrijali jew domestiku, jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva biex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tad-Direttiva.

4.8.3. *Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi*

It-tabella ta' hawn taħt tagħti eżempji illustrattivi dwar jekk ċerti tipi ta' bżieżaq u stikek tal-bżieżaq humiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew esklużi minnu.

Tabella 18

Eżempji illustrattivi ta' bżieżaq u ta' stikek tal-bżieżaq differenti

Tipi ta' bżieżaq; stikek tal-bżieżaq	Kriterji ġenerali		Kriterji speċifiċi għall-prodott	Inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew eskluż minnu (issodisfar tal-kriterji ġenerali u speċifiċi għall-prodott kollha?)
	Plastik	Jintuża darba biss	Maħsuba għall-użu domestiku	
Bżieżaq tal-latex li jintużaw darba biss għall-użu jew għall-applikazzjoni domestika	IVA	IVA	IVA	INKLUŻI
Bżieżaq tal-mylar jew tal-fojl li jintużaw darba biss għall-użu jew għall-applikazzjoni domestika	IVA	IVA	IVA	INKLUŻI
Stikek tal-bżieżaq tal-plastik li jintużaw darba biss għall-użu domestiku	IVA	IVA	IVA	INKLUŻI
Ġugarelli u "selfie-frames" tal-plastik li jistgħu jintefħu u jerġgħu jintużaw inkluż valv li jista' jerġa' jiġi ssiġillat	IVA	LE	IVA	ESKLUŻI: Prodott maħsub għal diversi użi
Stands tal-bżieżaq tal-plastik li jistgħu jerġgħu jintużaw	IVA	LE	LE	ESKLUŻI: Prodott maħsub għal diversi użi
Bżieżaq għall-użi u għall-applikazzjonijiet industrijali, eż. bużżieqa tal-arja sħuna, bużżieqa tat-temp.	IVA	LE	LE	ESKLUŻI: Prodott maħsub għall-użu professjonali jew industrijali

4.9. **Assorbenti sanitarji (pads), tampuni, u applikaturi tat-tampuni**

4.9.1. *Deskrizzjoni tal-prodott u kriterji fid-Direttiva*

Id-Direttiva ma tipprevedix definizzjonijiet għall-assorbenti sanitaji (pads), għat-tampuni u għall-applikaturi tat-tampuni fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Il-karatteristiċi ġeneriċi li ġejjin jistgħu jiġu identifikati sabiex jiġu ddeterminati l-assorbenti sanitarji (pads), it-tampuni, u l-applikaturi tat-tampuni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva:

— L-assorbenti sanitarji li jintużaw darba biss huma prodotti tal-iġjene użati biex jassorbu u jżommu l-fluwidu, ġeneralment maħsuba biex jintremew wara li jintużaw darba biss.

— L-assorbenti sanitarji li jintużaw darba biss ta' spiss ikunu magħmula minn diversi saffi ta' materjali inkluż qalba assorbenti, li tkun magħmula prinċipalment minn fibri ċellulożiċi u sintetiċi, u jassorbu l-fluwidi. Għall-finijiet tad-Direttiva, l-assorbenti sanitarji ma jirreferux biss għall-pads jew għan-napkins, iżda wkoll għall-panty liners peress li dawn il-prodotti huma subkategorija tal-assorbenti sanitarji (pads) ([31]) u bħala tali jissodisfaw il-kriterji ta' prodott tal-plastik li jintuża darba biss. Iż-żewġ prodotti huma magħmula minn materjali simili u għandhom l-istess tendenza li jintremew bl-addoċċ fil-baħar fir-rigward tar-rimi mhux xieraq, jiġifieri jekk jiġu fflaxxjati fit-toilets wara l-użu, u jistgħu jidħlu fl-ambjent tal-baħar permezz tas-sistema ta' trattament tal-ilma mormi.

([31]) Ara EDANA fuq https://www.edana.org/nw-related-industry/nonwovens-in-daily-life/absorbent-hygiene-products/feminine-care, miksuba fid-9 ta' Marzu 2021.

It-tampuni tal-plastik li jintużaw darba biss ġeneralment ikunu magħmula minn tliet saffi li jinkludu qalba assorbenti, li tkun magħmula jew mill-viskuż, mill-qoton, mill-poliester, jew minn taħlita ta' dawn il-fibri ([32]). Dawn jistgħu jkunu f'applikatur tat-tampuni, normalment magħmul minn karta miksija (li jkun fiha folja tal-plastik irqiqa) jew minn plastik iebes. Filwaqt li xi kategoriji ta' tampuni huma magħmula mill-qoton, il-biċċa l-kbira jiġu b'xibka tal-plastik. Din tal-aħħar tirreferi għal saff irqiq ta' rita tal-plastik mhux minsuġa jew ipperforata użata biex tgħin tnaqqas it-telfien tal-fibri u tiffaċilita l-inserzjoni u t-tneħħija tat-tampuni. It-Taqsima 2.1 tipprovdi gwida biex jiġi ddeterminat jekk il-fibra inkwistjoni tissodisfax il-kriterju għall-eċċezzjoni għall-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament.

Il-karatteristiċi tad-disinn tal-prodott tal-assorbenti sanitarji, tat-tampuni u tal-applikaturi tat-tampuni maħsuba biex jintużaw darba biss jinkludu dawk li ma jkunux jistgħu jinħaslu jew jerġgħu jintużaw diversi drabi minħabba li l-proċessi tal-ħasil jiddegradaw l-istruttura u l-funzjoni ta' dawk il-prodotti.

4.9.2. *Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi*

It-tabella ta' hawn taħt tagħti eżempji dwar jekk ċerti tipi ta' assorbenti sanitarji, tampuni u applikaturi tat-tampuni humiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew esklużi minnu.

Tabella

-19: Eżempji illustrattivi ta' assorbenti sanitarji, tampuni u applikaturi tat-tampuni differenti

Tip ta' assorbenti sanitarji, tampuni u applikaturi tat-tampuni	Kriterji ġenerali		Inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew eskluż minnu (issodisfar tal-kriterji ġenerali u speċifiċi għall-prodott kollha?)
	Plastik	Jintuża darba biss	
Assorbent sanitarju, tampun u applikatur tat-tampuni li jkun fih il-plastik jinkludi l-kategoriji kollha ta' assorbenti sanitarji irrispettivament mill-għamla, mill-qies, mill-ħxuna u mil-livell ta' assorbiment li jkun fihom il-plastik u li jkunu maħsuba biex jintremew wara l-użu	IVA	IVA	INKLUŻ
Assorbenti sanitarji (inkluż il-panty liners), jew tampuni li ma fihomx plastik	LE	IVA	ESKLUŻI: Ma hemm l-ebda plasik fil-prodott
Prodotti mestruwali li jistgħu (jinħaslu u) jerġgħu jintużaw, bħal pads tad-drapp li jistgħu jinħaslu, kontenituri mestruwali li jistgħu jerġgħu jintużaw (alternattiva għat-tampun), qliezet ta' taħt tal-period (panty li jista' jinħasel b'pad integrata għall-assorbiment)	LE /Pads li ma fihomx plastik li jistgħu jinħaslu IVA/Tampuni, applikaturi tat-tampuni, u pads li jistgħu jerġgħu jintużaw jista' jkun fihom il-plastik (eż. il-klipp għall-pads tad-drapp li jistgħu jinħaslu)	LE	ESKLUŻI: Il-prodotti ma jintużawx darba biss

([32]) EDANA. (2019, Diċembru). Komponenti tal-Prodotti Asssorbenti tal-Iġjene: Pad/Liners. Miksuba minn: https://www.edana.org/nw-related-industry/nonwovens-in-daily-life/absorbent-hygiene-products/feminine-care.

4.10. **Wet wipes**

4.10.1. *Deskrizzjoni tal-prodott, kriterji u eżenzjonijiet fid-Direttiva*

It-Tabella 20 tagħti ħarsa ġenerali lejn id-deskrizzjonijiet rilevanti tal-wet wipes tal-plastik li jintużaw darba biss fid-Direttiva.

Tabella 20

Deskrizzjonijiet tal-wet wipes fid-Direttiva

Il-Parti D, il-punt (2), il-Parti E, it-Taqsima II, il-punt (1) u l-Parti G, il-punt (6) tal-Anness: "*'Wet wipes', jiġifieri 'wipes' imxarrbin minn qabel tal-kura personali u għal użu domestiku*".
Il-Premessa 12: "*Jenħtieġ li l-'wet wipes' għall-kura personali u l-użu domestiku jkunu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, waqt li jenħtieġ li l-'wet wipes' industrijali jkunu esklużi*."

Il-wet wipes, li jsiru bl-użu ta' polimeri mhux naturali jew polimeri naturali li ġew modifikati kimikament, bħall-poliester u l-poliidrossialkanoati (PHA), jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Il-wet wipes, li jkunu magħmulin kompletament minn polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament, bħall-viskuż u l-lijoċell, jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Il-kriterji ewlenin speċifiċi għall-prodott li ġejjin huma previsti mid-Direttiva biex jiġi ddeterminat jekk wet wipe li tintuża darba biss hijiex inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha: wipes imxarrba minn qabel u personali u domestiċi.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, wet wipe fil-kuntest tad-Direttiva tista' tinftiehem bħala biċċa żgħira ta' materjal niedi minn qabel jew imxarrab minn qabel li jkun fiha l-plastik u li tkun maħsuba, iddisinjata u mqiegħda fis-suq biex tintuża darba biss (tintrema wara l-użu) u maħsuba għall-kura personali, eż. iġjene personali jew użu domestiku, eż. finijiet ta' tindif domestiku. Il-wipes imxarrba minn qabel tipikament ikun fihom likwidu ta' imprenjazzjoni li jkun żdied mal-wipe qabel ma din titqiegħed fis-suq.

Wet wipe għall-kura personali hija maħsuba biex tintuża għal finijiet ta' iġjene. Dawn jinkludu t-tindif u l-kura tal-ġilda kemm tal-adulti kif ukoll tat-trabi umani, eż. wipes għat-trabi, wipes għat-tneħħija tal-kożmetiċi/tal-make-up, wipes għall-kura intima, eċċ.

Wet wipe għall-użu domestiku hija maħsuba biex tintuża f'bini domestiku. Dawn jinkludu wet wipes użati għal finijiet ta' tindif domestiku eż. wet wipes użati għat-tindif tal-uċuħ tal-kċejjen u tal-kmamar tal-banju, wet wipes użati għat-tindif ta' vetturi personali, wipes għat-tindif tan-nuċċalijiet, eċċ.

Barra minn hekk, dawn il-prodotti tipikament jinbiegħu fis-suq f'pakketti li jkun fihom diversi wet wipes li jintużaw darba biss.

Filwaqt li ma jissemmewx b'mod espliċitu fid-Direttiva, il-wet wipes, li jkunu maħsuba, iddisinjati u mqiegħda fis-suq għall-użu professjonali, bħall-wet wipes mediċi jew għall-kura tas-saħħa, ma jkunux jissodisfaw il-kriterju għall-kura personali jew għall-użu domestiku. Għalhekk, dawn il-prodotti ma jitqisux bħala li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Il-punt tax-xiri, il-kanal ta' distribuzzjoni u t-tip ta' utent finali huma elementi importanti li jenħtieġ li jitqiesu sabiex jiġi ddeterminat jekk ċerti wet wipes ikunux maħsuba għall-użu domestiku jew professjonali. Pereżempju, il-wet wipes mibjugħa permezz ta' kanali ta' distribuzzjoni professjonali, eż. il-kanali minn negozju għal negozju, u li jintużaw mill-professjonisti tal-kura tas-saħħa, jitqiesu bħala maħsuba għall-użu professjonali u ma jiġux inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Madankollu, il-wet wipes li jinbiegħu f'kanali min-negozju għall-konsumatur u li jiġu ddistribwiti lil konsumaturi mhux professjonali, eż. wet wipes, li jistgħu jinxtraw minn konsumaturi individwali fi spiżerija u jintużaw fid-dar, ma jitqisux bħala użu professjonali. Għalhekk, dawn il-prodotti huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

It-tabella li ġejja tipprovdi lista mhux eżawrjenti tal-kategoriji tal-wet wipes inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew esklużi minnu ([33]):

Tabella 21

Eżempji ta' kategoriji tal-wet wipes

Kategorija ta' prodotti: wet wipes	
Koperti mid-Direttiva	Kura personali
	— Wipes għat-trabi — Wipes tat-tindif għall-ġilda (inkluż l-idejn u l-ġisem) — Wipes tad-diżinfezzjoni għall-idejn, inkluż jekk jiġu pprovduti lill-konsumaturi fl-inġenji tal-ajru, fl-ajruporti, fil-ferroviji jew f'postijiet oħra — Wipes għall-wiċċ/kożmetiċi (eż. maskri tal-wiċċ jew "sheet masks", wipes għat-tindif tal-wiċċ/għat-tneħħija tal-make-up) — Wipes għall-kura intima — Wipes simili għat-toilet paper
	Wet wipes għall-użu domestiku
	— Wipes għat-tindif domestiku użati biex jitneħħew it-tbajja' u jitnaddfu l-uċuħ bħall-art, il-kmamar tal-banju, il-kċejjen, l-għamara, it-twieqi, l-iskrins tat-televiżjoni u tal-kompjuter, eċċ. — Wipes tad-diżinfezzjoni maħsuba għall-użu domestiku, inkluż jekk jiġu pprovduti lill-konsumaturi fl-inġenji tal-ajru, fl-ajruporti, fil-ferroviji jew f'postijiet oħra — Wipes għat-tindif tan-nuċċalijiet (nuċċalijiet tal-vista) — Wipes għall-karozzi maħsuba għall-użu domestiku — Wipes għall-annimali domestiċi maħsuba għall-użu domestiku
Esklużi mid-Direttiva	Wet wipes industrijali
	— Wipes għall-karozzi (tħejjija tal-uċuħ, illostrar, assorbenti taż-żjut u kimiċi) maħsuba għall-użu industrijali jew professjonali — Wipes għall-industriji elettroniċi u tal-kompjuter (tneħħija tat-trab, wipes għat-tindif delikat u kumpless) maħsuba għall-użu industrijali jew professjonali — Wipes għall-industrija tal-ikel (tindif u manutenzjoni ta' magni, assorbent tal-fluwidi, wipes għat-tindif tal-idejn) maħsuba għall-użu industrijali jew professjonali — Wipes għall-purtinara (illostrar, tindif u manutenzjoni ta' tagħmir, tindif ta' art imxarrba, tneħħija tat-trab) maħsuba għall-użu industrijali jew professjonali — Wipes għall-manifattura, l-inġinerija u l-manutenzjoni (tindif u manutenzjoni ta' magni, assorbent tal-fluwidi, wipes għat-tindif tal-idejn) maħsuba għall-użu industrijali jew professjonali ieħor — Wipes għall-industrija ottika (illostrar, wipes għat-tneħħija tat-trab) maħsuba għall-użu industrijali jew professjonali — Wipes għall-industrija tal-istampar (tindif u manutenzjoni ta' magni, assorbent tal-fluwidi, wipes għat-tindif tal-idejn) maħsuba għall-użu industrijali jew professjonali — Wipes għall-industrija tat-trasport (tindif u manutenzjoni ta' vetturi, wipes għat-tindif tat-twieqi) maħsuba għall-użu industrijali jew professjonali
	Użu professjonali
	— Wipes mediċi/għall-kura tas-saħħa bħal wipes tad-diżinfezzjoni għall-isptarijiet biex jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati l-uċuħ u maħsuba għall-użu industrijali jew professjonali — Wipes mediċi/għall-kura tas-saħħa bħal wipes għall-kura tal-pazjent għal finijiet ta' iġjene tal-bniedem u maħsuba għall-użu industrijali jew professjonali

Wet wipes li għalihom ma jkunx ċar jekk l-użu maħsub ikunx industrijali jew professjonali jew domestiku huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva biex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tad-Direttiva.

4.10.2. *Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi*

It-Tabella 22 tipprovdi gwida dwar kif għandhom jiġu interpretati l-kriterji ġenerali u speċifiċi għall-prodott għall-wet wipes, flimkien ma' eżempji dwar jekk ċerti tipi ta' wet wipes humiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew esklużi minnu.

([33]) EDANA, (mingħajr data). Wipes industrijali. Miksuba minn: www.edana.org/nw-related-industry/nonwovens-in-daily-life/wipes/industrial-wipes.

Tabella 22

Eżempji ta' tipi differenti ta' wet wipes

Tip ta' wet wipes	Kriterji ġenerali		Kriterji speċifiċi għall-prodott		Inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew eskluż minnu (issodisfar tal-kriterji ġenerali u speċifiċi għall-prodott kollha?)
	Plastik	Jintuża darba biss	Imxarrba minn qabel	Kura personali jew użu domestiku	
Wet wipe li jkun fiha l-plastik	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻA
Wet wipe li tkun magħmula mill-viskuż jew mil-lijoċell (ċelluloża riġenerata) u ma jkunx fiha poliester jew plastik ieħor	LE	IVA	IVA	IVA	ESKLUŻA: Il-prodott mhuwiex magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik
Wet wipe mxarrba minn qabel (eż. li tista' tiġi indikata fuq l-imballaġġ tal-prodott kif ġej: "assorbenti niedja minn qabel" jew "imxarrba minn qabel")	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻA
Wipe xotta (eż. mhux imxarrba qabel ma titqiegħed fis-suq; tista' tiġi indikata wkoll fuq l-imballaġġ tal-prodott kif ġej: "wipes xotti għat-tindif tal-ġilda")	IVA	IVA	LE	IVA	ESKLUŻA: Il-prodott mhuwiex "imxarrab minn qabel"
Wet wipe għall-kura personali (eż. li tista' tiġi indikata fuq l-imballaġġ tal-prodott kif ġej: "wet wipes għat-tneħħija tal-irtokk" jew "Wipes għat-trabi")	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻA
Wet wipe għall-użu domestiku (eż. li tista' tiġi indikata fuq l-imballaġġ tal-prodott kif ġej: "Wipe għat-tindif domestiku b'diversi użi")	IVA	IVA	IVA	IVA	INKLUŻA
Wet wipe industrijali (eż. wet wipes użati fl-industrija għat-tindif tal-makkinarju)	IVA	IVA	IVA	LE	ESKLUŻA: Il-prodott jitqies bħala wet wipe industrijali
Wet wipe għall-użu professjonali (eż. wipes mediċi/għall-kura tas-saħħa mibjugħa permezz ta' kanali ta' distribuzzjoni professjonali minn negozju għal negozju u maħsuba għall-użu mill-professjonisti tal-kura tas-saħħa)	IVA	IVA	IVA	LE	ESKLUŻA: Il-prodott mhuwiex maħsub għall-użu domestiku

ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/4813/oj

4.11. **Prodotti tat-tabakk bil-filtri, filtri kkummerċjalizzati għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk**

4.11.1. *Deskrizzjoni tal-prodott u kriterji fid-Direttiva*

It-tabella ta' hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali lejn id-deskrizzjonijiet rilevanti li huma relatati mal-prodotti tat-tabakk bil-filtri, u mal-filtri għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk, skont id-Direttiva.

Tabella 23

Deskrizzjonijiet tal-prodotti tat-tabakk bil-filtri, u tal-filtri, fid-Direttiva

L-Artikolu 3, il-punt (18) jirreferi għall-prodotti tat-tabakk kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (4) tad-Direttiva 2014/40/UE.
Il-Parti D, il-punt (3), il-Parti E, it-Taqsima III u l-Parti G, il-punt (5) tal-Anness jiddeskrivu l-prodotti tat-tabakk bħala "*Prodotti tat-tabakk bil-filtri u filtri mqiegħda fis-suq għal użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk*".
L-Artikolu 2, il-punt (4) tad-Direttiva 2014/40/UE, jiddefinixxi "prodotti tat-tabakk" kif ġej:
"'prodotti tat-tabakk' tfisser prodotti li jistgħu jiġu kkunsmati u li jikkonsistu, anki parzjalment, mit-tabakk, kemm jekk ġenetikament modifikati kemm jekk le".

Il-prodotti tat-tabakk bil-filtri jew bil-filtri kkummerċjalizzati għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk li jkun fihom l-aċetat taċ-ċelluloża jitqiesu bħala li jikkostitwixxu polimeru naturali modifikat kimikament u, dment li jissodisfaw il-kondizzjonijiet rilevanti l-oħra għal dawk il-prodotti, dawn għalhekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Il-kriterji ewlenin speċifiċi għall-prodott biex jiġi ddeterminat jekk prodott tat-tabakk bil-filtru, jew filtru kkummerċjalizzat għall-użu flimkien ma' prodott tat-tabakk jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott tad-Direttiva, huma:

— Il-prodott ikun prodott tat-tabakk (kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (4) tad-Direttiva 2014/40/UE) u l-prodott ikun fih filtru: eż. sigarett jew sigarru;

— Il-prodott ikun filtru separat għall-użu mal-prodotti tat-tabakk: eż. tarf ta' filtru jew filtru żgħir.

4.11.2. *Ħarsa ġenerali lejn il-prodott u lista ta' eżempji illustrattivi*

Fit-Tabella 24 jingħataw eżempji illustrattivi dwar jekk ċerti tipi ta' prodotti tat-tabakk bil-filtru, jew ta' filtri kkummerċjalizzati għall-użu mal-prodotti tat-tabakk, humiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew esklużi minnu.

Tabella 24

Eżempji ta' tipi differenti ta' prodotti tat-tabakk bil-filtri u ta' filtri kkummerċjalizzati għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk

Tip ta' prodott tat-tabakk jew filtru	Kriterji ġenerali		Kriterji speċifiċi għall-prodott	Inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew eskluż minnu (issodisfar tal-kriterji ġenerali u speċifiċi għall-prodott kollha?)
	Plastik	Jintuża darba biss	Prodott tat-tabakk bil-filtru jew filtru kkummerċjalizzat għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk	
Sigarett jew sigarru bil-filtru li jkun fih il-plastik	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ
Filtri separati li jintużaw darba biss li jkun fihom il-plastik	IVA	IVA	IVA	INKLUŻ

Tip ta' prodott tat-tabakk jew filtru	Kriterji ġenerali		Kriterji speċifiċi għall-prodott	Inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jew eskluż minnu (issodisfar tal-kriterji ġenerali u speċifiċi għall-prodott kollha?)
	Plastik	Jintuża darba biss	Prodott tat-tabakk bil-filtru jew filtru kkummerċjalizzat għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk	
Prodotti tas-sigaretti elettroniċi jew tal-vape, inkluż filtri tal-plastik jew mhux tal-plastik	IVA	LE	LE	ESKLUŻI: Il-prodott huwa maħsub għal diversi użi; il-prodott ma fihx tabakk
Apparat elettroniku li għandu jintuża ma' prodott tat-tabakk imsaħħan inkluż filtru li jintuża darba biss li jkun fih il-plastik	IVA	IVA (il-filtru)	IVA	Inkluż: Filwaqt li l-apparat elettroniku huwa maħsub għal diversi użi, it-tabakk u l-filtri jintużaw darba biss
Tabakk merħi eż. għall-użu f'pipa jew f'sigarett imrembel bl-idejn mingħajr filtru li jkun fih il-plastik	LE	IVA	LE	ESKLUŻ: Il-prodott mhuwiex magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik; il-prodott ma fihx filtru

ANNESS

Ħarsa ġenerali lejn il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, id-deskrizzjonijiet tagħhom u r-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fid-Direttiva

Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss	Il-Parti rilevanti tal-Anness u r-rekwiżiti sostantivi applikabbli, għajr l-obbligi ta' rapportar		L-aktar Parti rilevanti tal-Anness tad-Direttiva li fiha d-deskrizzjonijiet tal-prodott
Bżieżaq	il-Parti E	Responsabbiltà estiża tal-produttur (l-Artikolu 8(3))	il-Parti E, it-Taqsima II, il-punt (2)
	il-Parti G	Miżuri ta' sensibilizzazzjoni (l-Artikolu 10)	il-Parti G, il-punt (7)
Stikek tal-bżieżaq	il-Parti B	Restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq (l-Artikolu 5)	il-Parti B, il-punt (6)
Fliexken tax-xorb ≤ 3 L, inkluż it-tappijiet u l-għotjien tagħhom	il-Parti C	Rekwiżiti tal-prodotti (l-Artikolu 6(5))	il-Partijiet C u F
	il-Parti F	Ġbir separat (l-Artikolu 9)	
Kontenituri tax-xorb ≤ 3 L, inkluż it-tappijiet u l-għotjien tagħhom	il-Parti C	Rekwiżiti tal-prodotti (l-Artikolu 6(1) sa (4))	il-Parti C
	il-Parti E	Responsabbiltà estiża tal-produttur (l-Artikolu 8(2))	il-Parti E, it-Taqsima I, il-punt (3)
	il-Parti G	Miżuri ta' sensibilizzazzjoni (l-Artikolu 10)	il-Parti G, il-punt (3)
Kontenituri tax-xorb magħmula minn polistiren espandut, inkluż it-tappijiet u l-għotjien tagħhom	il-Parti B	Restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq (l-Artikolu 5)	Ma tingħata l-ebda deskrizzjoni speċifika għall-prodott
Ħawwada tax-xorb	il-Parti B	Restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq (l-Artikolu 5)	Ma tingħata l-ebda deskrizzjoni speċifika għall-prodott
Tazez għax-xorb	il-Parti D	Rekwiżiti tal-immarkar (l-Artikolu 7)	Ma tingħata l-ebda deskrizzjoni speċifika għall-prodott
Tazez għax-xorb, inkluż l-għatiet u l-għotjien tagħhom	il-Parti A	Tnaqqis tal-konsum (l-Artikolu 4)	
	il-Parti G	Miżuri ta' sensibilizzazzjoni (l-Artikolu 10)	
	il-Parti E	Responsabbiltà estiża tal-produttur (l-Artikolu 8(2))	
Tazez għax-xorb magħmula minn polistiren espandut, inkluż l-għatiet u l-għotjien tagħhom	il-Parti B	Restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq (l-Artikolu 5)	Ma tingħata l-ebda deskrizzjoni speċifika għall-prodott
Stikek tal-cotton buds	il-Parti B	Restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq (l-Artikolu 5)	Ma tingħata l-ebda deskrizzjoni speċifika għall-prodott
Pożati (frieket, skieken, mgħaref, chopsticks)	il-Parti B	Restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq (l-Artikolu 5)	Ma tingħata l-ebda deskrizzjoni speċifika għall-prodott

Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss	Il-Parti rilevanti tal-Anness u r-rekwiżiti sostantivi applikabbli, għajr l-obbligi ta' rapportar		L-aktar Parti rilevanti tal-Anness tad-Direttiva li fiha d-deskrizzjonijiet tal-prodott
Kontenituri tal-ikel	il-Parti A	Tnaqqis tal-konsum (l-Artikolu 4)	il-Parti A, il-punt (2)
	il-Parti E	Responsabbiltà estiża tal-produttur (l-Artikolu 8(2))	il-Parti E, it-Taqsima I, il-punt (1)
	il-Parti G	Miżuri ta' sensibilizzazzjoni (l-Artikolu 10)	il-Parti G, il-punt (1)
Kontenituri tal-ikel magħmula minn polistiren espandut	il-Parti B	Restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq (l-Artikolu 5)	il-Parti B, il-punt (7)
Basktijiet tal-plastik ħfief	il-Parti E	Responsabbiltà estiża tal-produttur (l-Artikolu 8(2))	l-Artikolu 3(1c) tad-Direttiva 94/62/KE
	il-Parti G	Miżuri ta' sensibilizzazzjoni (l-Artikolu 10)	
Pakketti u tgeżwir	il-Parti E	Responsabbiltà estiża tal-produttur (l-Artikolu 8(2))	il-parti E, it-Taqsima I, il-punt (2)
	il-Parti G	Miżuri ta' sensibilizzazzjoni (l-Artikolu 10)	il-Parti G, il-punt (2)
Platti	il-Parti B	Restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq (l-Artikolu 5)	Ma tingħata l-ebda deskrizzjoni speċifika għall-prodott
Assorbenti sanitarji (pads), tampuni u applikaturi tat-tampuni	il-Parti D	Rekwiżiti tal-immarkar (l-Artikolu 7)	Ma tingħata l-ebda deskrizzjoni speċifika għall-prodott
	il-Parti G	Miżuri ta' sensibilizzazzjoni (l-Artikolu 10)	
Straws	il-Parti B	Restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq (l-Artikolu 5)	Ma tingħata l-ebda deskrizzjoni speċifika għall-prodott
Prodotti tat-tabakk bil-filtri u filtri kkummerċjalizzati għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk	il-Parti D	Rekwiżiti tal-immarkar (l-Artikolu 7)	l-Artikolu 2(4) tad-Direttiva 2014/40/UE
	il-Parti E	Responsabbiltà estiża tal-produttur (l-Artikolu 8(3))	
	il-Parti G	Miżuri ta' sensibilizzazzjoni (l-Artikolu 10)	
Wet wipes	il-Parti D	Rekwiżiti tal-immarkar (l-Artikolu 7)	il-Parti D, il-punt (2)
	il-Parti E	Responsabbiltà estiża tal-produttur (l-Artikolu 8(3))	il-Parti E, it-Taqsima II, il-punt (1)
	il-Parti G	Miżuri ta' sensibilizzazzjoni (l-Artikolu 10)	il-Parti G, il-punt (6)